Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Diċembru 2025**
**(OR. en)**

**16775/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0400 (COD)**

**ENER 678**
**CLIMA 600**
**CONSOM 305**
**TRANS 645**
**AGRI 711**
**IND 616**
**ENV 1386**
**COMPET 1344**
**FORETS 142**
**CODEC 2128**
**IA 232**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 11 ta' Diċembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 1007 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 1007 final.

Mehmuż: COM(2025) 1007 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2025
COM(2025) 1007 final

2025/0400 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi

{SEC(2025) 2000 final} - {SWD(2025) 2000 final} - {SWD(2025) 2001 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta għandha l-għan li taċċellera l-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija, inklużi grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, stazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar u proġetti tal-enerġija rinnovabbli sabiex jiġi ffaċilitat il-varar rapidu tagħhom. Il-varar rapidu tagħhom huwa fundamentali għall-Unjoni biex tagħmel progress fit-tranżizzjoni tal-enerġija tagħha lejn sistema tal-enerġija aktar sostenibbli u dekarbonizzata. Il-proposta tagħmel parti mill-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej li tħabbar bħala parti mill-Boxxla għall-Kompetittività tal-Unjoni[1] u l-Patt għal Industrija Nadifa[2] fil-bidu tal-2025. Il-Pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli minn Frar 2025[3] iddikjara wkoll li l-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej ikun jinkludi proposti leġiżlattivi biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi għall-grilji, għall-ħżin u għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-proposta twettaq ukoll it-talba mill-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025 biex jiġu esplorati proposti ġodda sabiex jiġu rrazzjonalizzati u aċċellerati l-proċeduri għall-ippjanar u għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri[4].

Il-ħruġ tal-permessi bil-mod u kkumplikat, inkluż għall-konnessjoni mal-grilja, huwa indikat mill-partijiet ikkonċernati bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jikkawżaw dewmien fl-iżvilupp ta' proġetti tal-enerġija. Il-grilji tat-trażmissjoni tal-elettriku jieħdu madwar 10 snin biex jitlestew, li minnhom il-ħruġ tal-permessi jammonta għal aktar minn nofs iż-żmien meħtieġ. Il-ħruġ tal-permessi ġie kklassifikat minn 78 % tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika bħala l-ostaklu ewlieni biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-grilja tal-Unjoni tiżviluppa kif meħtieġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija. B'mod simili, il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli xorta waħda jista' jieħu sa 9 snin skont l-Istat Membru u t-teknoloġija involuta. L-installazzjonijiet tal-ħżin jistgħu jieħdu minn sena sa 7 snin skont it-teknoloġija. Il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-kostruzzjoni jew għat-trasformazzjoni tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar tul l-awtostradi u fl-imħażen jistgħu jieħdu sa sentejn f'xi Stati Membri. Il-ħruġ tal-permessi bil-mod huwa dovut, fost affarijiet oħra, għal sistemi amministrattivi inkoerenti fost diversi awtoritajiet, għal numru inadegwat ta' membri tal-persunal fl-awtoritajiet, għad-durata tal-valutazzjonijiet ambjentali, għan-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika, għad-diġitalizzazzjoni u d-disponibbiltà tad-data limitati kif ukoll għall-isfidi amministrattivi u ġudizzjarji. Il-proċeduri bil-mod għall-ħruġ tal-permessi jista' jkollhom ukoll impatt negattiv fuq l-innovazzjoni fis-settur u jikkostitwixxu punt ta' konġestjoni fil-kisba tal-mira indikattiva stabbilita fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex tinkiseb mill-inqas 5 % tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata ġdida għal teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli. L-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", (COM(2025) 30 final tad-29.01.2025).

[2] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" (COM(2025) 85 final tas-26.02.2025).

[3] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha" COM(2025)79 final.

[4] Il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, it-23 ta' Ottubru 2025.

permessi, inkluż għall-ibridizzazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għar-rinnovazzjoni u għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi.

F'dawn l-aħħar snin ġew introdotti xi miżuri ġodda fil-livell tal-Unjoni biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u, sa ċertu punt, għall-proġetti tal-infrastruttura. Fl-2022 ġie adottat Regolament tal-Kunsill, bħala miżura ta' emerġenza, biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-proġetti tal-infrastruttura relatati,[5] li ġie estiż parzjalment f'Diċembru 2023[6] sat-30 ta' Ġunju 2025. Dan ir-Regolament stabbilixxa preżunzjoni li l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli huwa ta' interess pubbliku prevalenti, introduċa skadenzi għall-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għal ċerti teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u ppermetta lill-Istati Membri jeżentaw proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll proġetti tal-ħżin tal-enerġija u proġetti tal-grilja tal-elettriku li huma neċessarji biex l-enerġija rinnovabbli tiġi integrata fis-sistema tal-elettriku, minn xi rekwiżiti ambjentali taħt ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, fl-2023, id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli ("RED", Renewable Energy Directive)[7] introduċiet qafas komprensiv ġdid tal-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, bi skadenzi iqsar u b'regoli aktar sempliċi. Barra minn hekk, din inkludiet obbligi ta' mmappjar u l-obbligu li jiġu ddeżinjati żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli fejn l-impatti ambjentali li jirriżultaw mill-proġetti jkunu mistennija li jkunu baxxi, li jippermettu proċedura simplifikata għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti f'żoni bħal dawn. L-RED riveduta inkludiet ukoll miżuri fakultattivi biex jiġu introdotti żoni ta' aċċellerazzjoni għall-proġetti tal-infrastruttura fejn dawn il-proġetti jkunu eżentati minn valutazzjoni tal-impatt ambjentali taħt ċerti kundizzjonijiet.

L-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri wasslet għal xi riżultati pożittivi fil-prattika. Pereżempju, il-Ġermanja applikat b'mod estensiv il-miżuri fir-Regolament tal-Kunsill, b'mod partikolari dawk volontarji, li rriżulta f'aċċellerazzjoni sostanzjali tal-ħruġ tal-permessi. Fl-2024, il-Ġermanja approvat madwar 14-15 GW ta' kapaċità eolika addizzjonali fuq l-art[77], li tirrappreżenta żieda ta' 85 % meta mqabbla mas-sena preċedenti u li kważi hija daqs il-kapaċità eolika installata ġdida totali fl-Ewropa fl-istess sena. B'mod simili, jistgħu jiġu osservati impatti pożittivi mill-implimentazzjoni tal-miżuri fl-RED riveduta. Studju biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u tal-Gwida tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għall-proġetti tal-infrastruttura relatati[8], juri li l-Istati Membri adottaw total ta' 1 198 miżura biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni, b'901 minnhom ikunu miżuri b'livell moderat jew b'saħħtu ta' allinjament mar-Rakkomandazzjoni, li jammonta għal 75 % tal-miżuri totali magħduda.

---

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli , ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/223 tat-22 ta' Diċembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2577 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli.

[7] Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652

[8] https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/834f011b-e464-11ef-be2a-01aa75ed71a1

Minkejja l-miżuri introdotti mir-Regolament tal-Kunsill u mill-RED riveduta, għad hemm ostakli għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri kollha u l-progress f'termini ta' varar aċċellerat tal-proġetti mhux dejjem jinħass fil-prattika, kif ikkonfermat ukoll matul id-Djalogu dwar l-Implimentazzjoni dwar il-ħruġ tal-permessi li sar mill-Kummissarju għall-Enerġija u għall-Akkomodazzjoni fil-11 ta' Ġunju 2025[9].

Diversi fatturi jikkontribwixxu għal dan. L-ewwel nett, l-RED riveduta ma indirizzatx bis-sħiħ il-kwistjonijiet kollha li jdewmu l-ħruġ tal-permessi u l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-ħruġ tal-permessi bil-mod għall-grilji, għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, id-diġitalizzazzjoni limitata tal-proċeduri jew l-aċċettazzjoni pubblika limitata. It-tieni, l-RED riveduta inkludiet biss xi wħud mill-miżuri tar-Regolament tal-Kunsill iżda hija nieqsa minn diversi miżuri importanti inklużi fih li ma baqgħux japplikaw, bħal dawk biex tiġi estiża l-prijorità tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-aspetti ambjentali u biex tiġi rrazzjonalizzata l-konformità ma' ċerti regoli ambjentali. It-tielet, filwaqt li d-dati tat-traspożizzjoni għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ħruġ tal-permessi tal-RED kienu Lulju 2024 u Mejju 2025, l-informazzjoni disponibbli turi riżultati li jvarjaw fost l-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni u n-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tar-regoli. L-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas eżistenti għadha għaddejja, iżda l-feedback riċevut mingħand il-partijiet ikkonċernati juri li anke fl-Istati Membri fejn il-qafas eżistenti ġie traspost u qed jiġi implimentat, hemm punti ta' konġestjoni li jxekklu l-ħruġ rapidu tal-permessi u l-varar rapidu tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, il-proċeduri twal għall-ħruġ tal-permessi li jikkawżaw implimentazzjoni bil-mod tal-proġetti jistgħu jiġu attribwiti mhux biss għan-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-qafas eżistenti fl-Istati Membri, iżda wkoll għal kwistjonijiet li ma ġewx indirizzati bis-sħiħ fil-qafas legali kurrenti tal-Unjoni: valutazzjonijiet ambjentali twal wisq, in-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika, id-diġitalizzazzjoni limitata tal-proċeduri, riżorsi insuffiċjenti fl-awtoritajiet nazzjonali tal-ħruġ tal-permessi, nuqqas ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti involuti fil-proċedura għall-ħruġ tal-permessi, nuqqas ta' regoli għat-tipi kollha ta' ħżin u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar.

Fir-rigward tal-infrastruttura tal-enerġija, bħalissa ma hemm l-ebda reġim ġenerali għall-ħruġ tal-permessi fil-livell tal-Unjoni. Ir-Regolament TEN-E jintroduċi regoli għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura fil-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku, iżda ma jkoprix assi tal-infrastruttura oħra. Il-Pakkett dwar l-Idroġenu u l-Gass Dekarbonizzat[10] introduċa rekwiżiti ġenerali għall-awtorizzazzjoni tal-assi tal-idroġenu u tal-gassijiet, inklużi proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, fid-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass[11]. Madankollu, għall-grilji tal-elettriku ma hemm l-ebda qafas Ewropew disponibbli. Il-ħtieġa li tiżdied ir-rata tal-varar tal-infrastruttura tal-enerġija biex jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tiżdied is-sigurtà tar-reżiljenza tal-grilja tal-Unjoni u jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija ġiet rikonoxxuta fil-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli u fir-Rapport ta' Draghi. In-nuqqas ta' qafas Ewropew unifikat jirrappreżenta pass nieqes fl-indirizzar ta' din il-ħtieġa. B'hekk, din il-proposta taġġorna r-reġim għall-ħruġ

9 Implementation dialogue on permitting for renewable energy projects and related infrastructure with Commissioner Jørgensen - il-Kummissjoni Ewropea, https://energy.ec.europa.eu/events/implementation-dialogue-permitting-renewable-energy-projects-and-related-infrastructure-commissioner-2025-06-11_en

10 Il-Kummissjoni Ewropea, Enerġija, *Hydrogen and Decarbonised Gas Package*, https://energy.ec.europa.eu/topics/markets-and-consumers/hydrogen-and-decarbonised-gas-market_en.

11 Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, ĠU L, 2024/1788

tal-permessi tad-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku biex tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni li bħalissa ma humiex indirizzati. Il-bidliet fid-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku introduċew rekwiżiti addizzjonali li jeħtieġ li jiġu riflessi fid-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass, jiġifieri f'termini ta' kapaċità tal-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi, ta' dati ta' skadenza għat-talbiet għal informazzjoni addizzjonali, ta' approvazzjoni taċita fid-deċiżjonijiet amministrattivi u ta' rekwiżiti tad-diġitalizzazzjoni.

Fost il-kawżi għal proċeduri li jieħdu fit-tul għall-ħruġ tal-permessi li għadhom jeżistu, il-valutazzjonijiet ambjentali ġew identifikati ripetutament bħala l-aktar pass suxxettibbli għal dewmien. B'mod ġenerali, id-durata medja tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali (VIA) għall-proġetti b'mod ġenerali (mhux speċifiċi għall-enerġija rinnovabbli) hija stmata għal madwar 20,6 xahar,[12] u b'hekk taffettwa l-kapaċità ta' konformità mal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi fl-RED riveduta. Fil-konsultazzjoni pubblika għall-Pakkett dwar il-Grilji[13], il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu appoġġaw is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali. L-RED riveduta introduċiet miżuri mmirati biex ittaffi ċerti obbligi ambjentali, iżda s-sitwazzjoni kurrenti tal-varar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u d-durata medja tal-valutazzjonijiet ambjentali jitolbu intervent addizzjonali f'dan ir-rigward.

Infurzar dgħajjef tal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi mill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jimmina l-objettiv tal-RED riveduta li tillimita d-durata tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. L-inċertezzi u n-nuqqas ta' regoli ċari f'każ ta' kunflitti bejn proġetti tal-enerġija rinnovabbli u interessi oħra jwasslu għal ħinijiet twal għall-ħruġ tal-permessi u għal sfidi ġudizzjarji. Il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti żgħar ħafna għadhom jinvolvu burokrazija bla bżonn li ddewwem il-varar tagħhom, filwaqt li l-konnessjoni tagħhom mal-grilja għadha tiffaċċja dewmien mhux ġustifikat. Proċessi ineffiċjenti u ineffettivi ta' parteċipazzjoni pubblika, li jwasslu għal oppożizzjoni fil-forma ta' sfidi amministrattivi u ġudizzjarji jkomplu jikkontribwixxu għal implimentazzjoni li tieħu fit-tul. Ir-riżorsi limitati fl-awtoritajiet nazzjonali tal-ħruġ tal-permessi huma espressi regolarment bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għad-dewmien fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli spiss jirrikjedu diversi permessi mogħtija minn awtoritajiet differenti (jew b'mod parallel jew b'mod sussegwenti) u n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni huwa punt ta' konġestjoni importanti li jnaqqas ir-ritmu tal-proċeduri. Ir-riżorsi diġitali għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet huma sottożviluppati u ma humiex użati biżżejjed mill-awtoritajiet u n-nuqqas ta' integrazzjoni fost għodod diġitali differenti għall-ħruġ tal-permessi użati minn diversi awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi jwassal għal konfużjoni u għal ineffiċjenzi, u dan ixekkel l-infurzar tal-iskadenzi legali. L-aċċess insuffiċjenti għad-data ambjentali u ġeoloġika rilevanti jista' jkun ostaklu għall-promoturi tal-proġetti meta jkunu qed iħejju applikazzjonijiet għal permessi ambjentali għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll għal proġetti tal-infrastruttura tal-grilja u tal-ħżin. Barra minn hekk, ir-regoli għall-ħruġ tal-permessi għall-ħżin tal-elettriku skont l-RED riveduta għandhom kamp ta' applikazzjoni ristrett, li jkopri biss il-ħżin kolokalizzat u mhux il-ħżin b'mod ġenerali jew l-ibridizzazzjoni tal-proġetti minkejja r-rwol dejjem aktar importanti tagħhom għall-flessibbiltà tas-sistema. B'mod simili, nuqqas ta' ċarezza dwar l-ħruġ tal-permessi għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-elettromobbiltà qed joħloq kumplessitajiet u dewmien bla bżonn. Il-proposta għandha l-

[12] Collection of information and data on the implementation of the revised Environmental Impact Assessment (EIA) Directive (2011/92/EU) as amended by 2014/52/EU, rapport finali minn Milieu, COWI u Eunomia għall-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2024, il-paġna 25

[13] https://energy.ec.europa.eu/news/commission-collects-views-preparation-european-grids-package-2025-05-13_mt

għan li tindirizza l-punti ta' konġestjoni identifikati fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi li jiffaċċjaw il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-enerġija bħall-grilji tal-elettriku u tal-gass, il-faċilitajiet tal-ħżin u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar, li huma vitali għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija, billi:

1. Tnaqqas l-iskadenzi u tevita dewmien bla bżonn fil-proċess għall-ħruġ tal-permessi;
2. Tinkludi dispożizzjonijiet mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 b'modifiki mmirati;
3. Tintroduċi flessibbiltà addizzjonali mmirata fl-applikazzjoni tar-regoli ambjentali
4. Tintroduċi reġim għall-ħruġ tal-permessi għall-grilji tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni li jibni fuq l-approċċ għall-ħruġ tal-permessi għall-assi tal-gass u tal-idroġenu fid-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass u li jallinja mal-qafas tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u r-Regolament TEN-E.
5. Tiżgura l-konsistenza tar-reġim ġenerali għall-ħruġ tal-permessi fil-livell tal-UE billi temenda r-reġim għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-assi tal-idroġenu biex tallinja mar-reġim għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-infrastruttura tal-elettriku.

Din il-proposta tinkludi emendi limitati u mmirati tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li huma strettament neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi tal-proposta. Modifiki possibbli ulterjuri tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma kompletament barra mill-kamp ta' applikazzjoni u mill-għanijiet ta' din il-proposta. Il-ħtieġa għal tali modifiki tista' tiġi vvalutata, kif xieraq, fil-kuntest tat-tħejjija tal-inizjattiva dwar il-qafas tal-enerġija rinnovabbli, parti mill-pakkett tal-Unjoni tal-Enerġija għad-deċennju li ġej, kif imsemmi fl-Anness I tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026. Il-Kummissjoni se timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-koleġiżlaturi, sabiex tiżgura li l-proċess leġiżlattiv dwar din il-proposta jippreserva bis-sħiħ l-għan essenzjali tagħha u ma jfixklux.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta tirriżulta mill-impenn tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli[14] li tipproponi Pakkett dwar il-Grilji Ewropej li jikkonsisti f'miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex, fost l-oħrajn, jiġu rrazzjonalizzati l-permessi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għall-grilji, għalll-infrastruttura tal-ħżin, u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-karozzi u għat-trakkijiet.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti għall-ħruġ tal-permessi skont l-RED riveduta, inkluż kemm il-verifika tat-traspożizzjoni tagħhom kif ukoll l-assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' prattiki tajbin tal-ħruġ tal-permessi u t-traspożizzjoni f'waqtha tal-RED emendata, ġie stabbilit u ssaħħaħ uterjorment sett komprensiv ta' azzjonijiet (il-pjan ta' implimentazzjoni Accele-RES) bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija mir-Riħ. Dan kien jinkludi l-iskambju ta' prattiki tajbin f'diversi fora, l-appoġġ bilaterali lill-Istati

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha COM/2025/79 final

Membri, il-ħolqien u l-aġġornament ta' għodda ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet online għall-implimentazzjoni tal-RED, il-ħidma ta' traspożizzjoni kontinwa, l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u ta' gwida relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-ippjanar, il-ħruġ tal-permessi u l-ambjent, l-appoġġ lill-Istati Membri għal riformi tal-ħruġ tal-permessi taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument), l-appoġġ għall-investimenti u għar-riformi tal-ħruġ tal-permessi skont il-Fond għall-Irkupru u r-Reżiljenza u skont is-Sejħa LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (CET, Clean Energy Transition) tal-2024 u l-2025. Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, il-Kummissjoni qed tespandi l-pjan ta' implimentazzjoni Accele-RES, filwaqt li tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tal-Grupp ta' Esperti dwar il-ħruġ tal-permessi u tal-Azzjoni Konċertata (CA-RES, Concerted Action - Renewable Energy Sources), issaħħaħ l-iskambju dwar l-aħjar prattiki u l-identifikazzjoni tal-ostakli, taġġorna l-għodda ta' gwida online dwar il-ħruġ tal-permessi u tipprovdi appoġġ tat-TSI.

Il-proposta hija konsistenti mad-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku li tibni fuq l-approċċ għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-ipproċessar għal kapaċità ġdida billi tirrifletti l-approċċ meħud għall-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fil-pakkett dwar l-idroġenu u l-gass dekarbonizzat,[15] filwaqt li fl-istess ħin tieħu l-opportunità biex tkompli taċċellera l-ħruġ tal-permessi għall-proġetti għar-rinnovazzjoni, għall-modernizzazzjoni jew għar-repowering tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni.

Il-proposta hija konsistenti wkoll f'termini ta' emendi tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi introdotti fil-pakkett tad-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass, u tippreżenta biss emendi inkrementali li ma għandux ikollhom impatt fuq it-traspożizzjoni tal-miżuri oriġinarjament inklużi fil-pakkett.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mar-reġim għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura ta' interess komuni u reċiproku magħżula skont ir-Regolament TEN-E. Billi tipprovdi reġim ġenerali għall-assi mhux magħżula skont ir-Regolament, din il-proposta toħloq il-qafas ta' aċċellerazzjoni tal-ħruġ tal-permessi sottostanti abbażi tal-qafas aktar strett applikabbli għall-proġetti tal-infrastruttura ewlenin identifikati skont ir-Regolament TEN-E.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti mal-objettiv tal-Patt Ekoloġiku li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'55 % sal-2030 u l-obbligu skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima li tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-2050 u mal-objettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa li jiġi żgurat aċċess għal enerġija affordabbli għall-industrija Ewropea, jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u jiġi aċċellerat il-varar tal-enerġija u tal-manifattura nodfa, inkluż KPI li kull sena jiġu installati 100 GW ta' kapaċità tal-elettriku rinnovabbli sal-2030.

Ir-rapport ta' Draghi[16] appella għas-simplifikazzjoni u għar-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u dawk amministrattivi kif ukoll għal approċċ strateġiku kkoordinat għall-iżvilupp tal-infrastruttura transfruntiera bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas imsaħħaħ għall-ippjanar u għall-varar tal-grilja biex ikun konformi mal-miri tal-Unjoni. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2025[17], il-

[15] Speċifikament fl-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, ĠU L, 2024/1788.

[16] https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en#paragraph_47059

[17] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10279/25

Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tipproponi pakkett dwar il-grilji li jikkonsisti f'miżuri biex, fost l-oħrajn, jissimplifikaw ir-regoli tal-Unjoni dwar il-grilji, jintegraw il-ħtiġijiet reġjonali u nazzjonali fil-livell tal-Unjoni, jiżguraw it-twettiq tal-proġetti, jiżviluppaw mekkaniżmi effettivi għall-kondiviżjoni tal-kostijiet għal proġetti transfruntiera ta' interess komuni, u jivvalutaw il-ħtieġa għal aktar proposti leġiżlattivi biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi għall-infrastruttura tal-enerġija.

Proposta għal Regolament dwar l-aċċellerazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali ġiet adottata fi [*xxxx*][18]. Il-proposta tiġbor flimkien sensiela ta' miżuri biex jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni ambjentali dwar il-valutazzjonijiet ambjentali tal-pjanijiet, tal-programmi u tal-proġetti fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, tal-aċċess għad-data, tar-razzjonalizzazzjoni tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u tat-tilwim ġudizzjarju. Il-miżuri proposti relatati mal-leġiżlazzjoni ambjentali skont il-Pakkett dwar il-Grilji huma mmirati lejn proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-infrastruttura u huma kompatibbli mal-miżuri ta' simplifikazzjoni ġenerali mressqa fil-proposta għal Regolament dwar l-aċċellerazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq żewġ bażijiet legali:

- l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi l-bażi legali biex jiġu proposti miżuri għall-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija u biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq tal-enerġija, li huma għanijiet tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 194(1), il-punti (c) u (a), tat-TFUE.

Din il-bażi legali hija meħtieġa biex jiġu emendati d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku u d-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass.

- L-Artikolu 192(1) tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi legali għall-politika ambjentali tal-Unjoni. Din il-bażi legali hija meħtieġa biex jiġu introdotti adattamenti mmirati għal regoli ambjentali speċifiċi tal-Unjoni sabiex jiġu aċċellerati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-infrastruttura tal-enerġija.

Il-miżuri mressqa f'din il-proposta huma relatati mal-oqsma msemmija hawn fuq. Dawn għandhom l-għan li jippromwovu l-varar u l-integrazzjoni aktar rapidi tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-ġenerazzjoni rinnovabbli, tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, tal-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar. Il-miżuri jittrattaw ukoll ir-regoli dwar il-valutazzjonijiet ambjentali bħala parti mill-elementi li għandhom l-għan li jissimplifikaw u jaċċelleraw dawk il-proċeduri.

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-għan tal-emendi proposti huwa li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija billi jiġu ssimplifikati u jitqassru l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-ġenerazzjoni rinnovabbli kif ukoll għall-proġetti tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, tal-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar. L-emendi proposti jissodisfaw il-

[18] *[referenza għar-Regolament dwar l-aċċellerazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali]*

prinċipju tas-**sussidjarjetà**, peress li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni se tikkontribwixxi għal dan l-għan b'mod aktar effettiv minn azzjoni fil-livell nazzjonali.

*Il-ħtieġa ta' azzjoni mill-UE*

L-ilħuq tal-objettivi tal-enerġija tal-UE mingħajr azzjoni addizzjonali dwar il-varar tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-UE ma jkunx kosteffiċjenti. Huwa meħtieġ approċċ tal-UE biex jipprovdi l-inċentivi t-tajbin lill-Istati Membri sabiex jaċċelleraw, b'mod koordinat, it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn sistema tal-enerġija aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-RED riveduta diġà tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-ħżin kolokalizzat u għall-grilji relatati. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass diġà tinkludi dispożizzjoni dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni li tistabbilixxi rekwiżiti għall-ħruġ tal-permessi għall-assi tal-gass u tal-idroġenu. Fl-aħħar nett, id-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku tinkludi dispożizzjoni dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, madankollu tkopri biss il-proċeduri għal kapaċità ġdida. Hija meħtieġa azzjoni tal-UE biex tkompli ttejjeb dak il-qafas regolatorju b'mod koordinat, billi ġġib proċeduri aktar rapidi għall-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-grilji, għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, filwaqt li tiżgura l-allinjament fost l-Istati Membri u l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni tal-Enerġija. Filwaqt li jitqiesu l-politiki differenti dwar l-enerġija fost l-Istati Membri, azzjoni fil-livell tal-UE, bl-appoġġ tal-qafas sod ta' governanza, hija aktar probabbli li tilħaq il-mira klimatika tal-UE u tikseb iż-żieda meħtieġa fil-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli minn azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha.

*Valur miżjud tal-UE*

L-azzjoni tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli skont l-RED riveduta, u dwar il-grilji skont id-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku u d-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass, iġġib valur miżjud minħabba li hija aktar effiċjenti u effettiva mill-azzjonijiet tal-Istati Membri individwali, filwaqt li tevita approċċ frammentat billi tindirizza t-tranżizzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni b'mod koordinat. Dan jiżgura t-tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tat-tniġġis, jipproteġi l-bijodiversità, jisfrutta bis-sħiħ il-benefiċċji tas-suq intern, jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi tal-ekonomiji ta' skala u l-kooperazzjoni teknoloġika fl-Ewropa, u jagħti ċertezza lill-investituri f'qafas regolatorju madwar l-UE. Billi tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE flimkien ma' azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, jistgħu jiġu indirizzati diversi ostakli għall-investimenti pubbliċi u privati filwaqt li tiġi ssupplimentata u tissaħħaħ l-azzjoni nazzjonali u lokali.

L-għan tal-proposta ma setax jintlaħaq bl-istess mod bħal fir-rigward tal-miżuri nazzjonali. Fl-istess ħin, jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Istati Membri biex jirregolaw id-dettalji tal-oqfsa tal-ħruġ tal-permessi tagħhom. Il-proposta tinvolvi approċċ minn fuq għal isfel iżda żżomm u ssaħħaħ ukoll il-kompetenzi fil-livell nazzjonali u, għalhekk, titqies li tosserva l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika kontinwa maħluqa mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u tal-ħtieġa li jiżdiedu s-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività tal-UE, hemm ħtieġa ċara għal azzjoni ulterjuri biex jiġi aċċellerat il-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u konsegwentement tal-grilji tal-elettriku u tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu u tal-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu. Il-miżuri proposti jikkontribwixxu għat-titjib tal-iżvilupp aktar rapidu u mmirat tal-infrastruttura

tal-enerġija, tal-enerġija rinnovabbli, tal-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar b'mod effettiv, mingħajr ma jimponu kostijiet sinifikanti għall-operaturi tas-sistema/għall-promoturi tal-proġetti u għall-Istati Membri, għall-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali u għall-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija. Il-bilanċ milħuq fil-proposta bejn l-obbligi u l-flessibbiltà li tħallew f'idejn l-Istati Membri dwar kif għandhom jinkisbu l-objettivi huwa meqjus xieraq minħabba l-imperattiv li jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima kif ukoll l-urġenza li jitnaqqsu kemm id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni kif ukoll il-prezzijiet tal-enerġija.

Din l-emenda tad-Direttiva (UE) 2018/2001 hija limitata għal dak li huwa meqjus neċessarju biex jiġu ssimplifikati u rrazzjonalizzati ulterjorment il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fir-rigward tal-ġenerazzjoni rinnovabbli, tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, tal-proġetti tal-ħżin u tal-irriċarġjar u sabiex jiġi aċċellerat il-varar tal-enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tagħha. Fir-rigward tal-ippjanar tal-infrastruttura, il-bidliet fid-Direttiva (UE) 2019/944 huma limitati għal Artikolu uniku, li huwa marbut mill-qrib mal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, u b'hekk għall-bidliet relatati fir-Regolament TEN-E. Il-bidliet għandhom l-għan li jiċċaraw ir-rabtiet bejn id-Direttiva u r-Regolament TEN-E u jallinjaw il-formulazzjoni mal-bidliet li saru mill-pakkett dwar il-Gassijiet (id-Direttiva (UE) 2024/1788).

Taqsima speċifika tal-proporzjonalità ġiet inkluża wkoll fil-valutazzjoni tal-impatt (it-taqsima 7.4) għall-għażliet kollha li ġew ikkunsidrati. Il-proposta hija bbażata fuq l-Għażla ta' Politika 2 li hija meqjusa proporzjonata għan-natura tal-problema billi tiffoka fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi kurrenti u toffri għodod ġodda sostantivi li huma meqjusa effettivi biex jintlaħqu l-objettivi ta' din l-inizjattiva.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija Direttiva li temenda d-Direttivi li ġejjin:

– id-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, billi ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet relatati mal-ħruġ tal-permessi ta' dik id-Direttiva (l-Artikoli 2, 15c u 15d u 16–17).

– id-Direttiva 2019/944/UE dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku, billi ssaħħaħ id-dispożizzjoni dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni (l-Artikolu 8) b'miżuri ddedikati għall-aċċellerazzjoni tal-ħruġ tal-permessi u tintroduċi miżuri dwar l-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi u l-varar ta' miżuri ta' kumpens meta tiġi applikata d-deroga prevista fid-Direttiva 92/43/KEE, fid-Direttiva 2000/60/KE u fid-Direttiva 2009/147/KE (l-Artikolu 8a).

– id-Direttiva 2024/1788/UE dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, billi tiżgura l-konsistenza bejn id-dispożizzjoni tagħha dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni (l-Artikolu 8) u dik tad-Direttiva 2019/944/UE.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba l-karattru mmirat tal-emendi proposti u l-emenda reċenti tad-Direttiva 2018/2001 (UE) fl-2023, ma kienx fattibbli li titwettaq xi evalwazzjoni *ex post*. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt, ġie inkluż Rapport ta' implimentazzjoni li jiffoka fuq id-dispożizzjonijiet ewlenin għall-ħruġ tal-permessi li huma parti wkoll minn din il-proposta. L-iskadenza għall-Istati Membri biex jittrasponu d-dispożizzjonijiet relatati mal-ippjanar u mal-ħruġ tal-permessi ta' din id-Direttiva ġiet stabbilita l-aktar għal Lulju 2024, iżda wkoll għal Mejju 2025 (l-Artikoli 15b, 15c u 16a), b'data ta' implimentazzjoni għad-deżinjazzjoni ta' Żoni ta' Aċċellerazzjoni Rinnovabbli stabbilita sal-21 ta' Frar 2026. Għalhekk, ir-rapport inkluda riżultati preliminari miġbura permezz ta' kuntratti li għadhom għaddejjin dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas għall-ħruġ tal-permessi. Il-feedback riċevut mill-partijiet ikkonċernati juri li anke fl-Istati Membri fejn il-qafas eżistenti ġie traspost u implimentat, għad hemm ostakli li jfixklu l-ħruġ tal-permessi u l-varar rapidi. Din hija r-raġuni għaliex il-miżuri proposti jittrattaw prinċipalment kwistjonijiet mhux indirizzati, jew indirizzati biss parzjalment fl-emenda tal-2023, u għalhekk jikkomplementaw il-miżuri eżistenti, b'bidliet limitati fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għall-qafas eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa online (OPC, Open Public Consultation) komprensiva bejn it-13 ta' Mejju u l-5 ta' Awwissu 2025 fuq is-sit web "Semma' Leħnek". Il-konsultazzjoni kopriet is-suġġetti li ġejjin: i) il-funzjonament ġenerali tar-Regolament TEN-E, ii) l-ippjanar tal-infrastruttura tal-UE, iii) l-ippjanar tan-network tal-elettriku fil-livell nazzjonali, iv) il-kapaċità ta' hosting tal-grilja tal-elettriku, v) il-ħruġ tal-permessi, vi) l-investimenti fl-infrastruttura tal-grilja, vii) il-ktajjen tal-provvista, viii) id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza, u ix) is-simplifikazzjoni.

Il-konsultazzjoni rċeviet total ta' 197 tweġiba. Barra minn hekk, waslu 2 emails permezz ta' kaxxa postali funzjonali għall-konsultazzjoni. Kien hemm 197 tweġiba għal kull mistoqsija b'għażla multipla fl-OPC, li jfisser li kull rispondent wieġeb kull mistoqsija. Għal xi mistoqsijiet, ir-rispondenti ġew mistoqsija fuq skala ta' ħames punti sa fejn kienu jaqblu jew ma jaqblux mad-dikjarazzjonijiet. L-iskala kienet i) Ma naqbel xejn ii) Ma naqbilx ftit iii) Newtrali, iv) Naqbel ftit, v) Naqbel ferm. Ingħatat ukoll l-għażla "ma nafx".

Madwar terz tar-rispondenti (34 %; il-kumpaniji 36 % , l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 37 %, l-NGOs 14 %, l-awtoritajiet pubbliċi 10 %) irrapportaw li d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi tar-Regolament TEN-E ma humiex ċari u faċli biex jiġu implimentati, b'16 % li baqgħu newtrali u 34 % li kienu inċerti. Maġġoranza kbira ta' 83 % (il-kumpaniji 92 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 83 %, l-NGOs 29 %, l-awtoritajiet pubbliċi 70 %) appoġġaw is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali (5 % biss baqgħu newtrali u 5 % kienu inċerti). B'mod simili, 82 % tar-rispondenti (il-kumpaniji 83 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 81 %, l-NGOs 79 %, l-awtoritajiet pubbliċi 80 %) qablu li l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għandhom ikunu kompletament diġitalizzati (7 % biss baqgħu newtrali u 9 % kienu inċerti). Barra minn hekk, 77 % tar-rispondenti (il-kumpaniji 78 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 85 %, l-NGOs 50 %, l-awtoritajiet pubbliċi 70 %) qablu li l-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi għan-networks għandhom jitqassru jew jiġu stabbiliti meta jkunu neqsin, b'7 % biss li baqgħu newtrali u 9 % li kienu inċerti.

Barra minn hekk, 64 % tar-rispondenti qablu li l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-assi tal-ħżin għandhom jiġu ssimplifikati (il-kumpaniji 59 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 81 %, l-NGOs 50 %, l-awtoritajiet pubbliċi 70 %), bi 13 % li baqgħu newtrali u 18 % li kienu inċerti. Ftit aktar (69 %) appoġġaw is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti tan-network ta' distribuzzjoni, għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, u għal attivitajiet bħall-adattament għal skop differenti, għar-rinnovazzjoni, u għar-repowering (il-kumpaniji 67 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 80 %, l-NGOs 50 %, l-awtoritajiet pubbliċi 60 %), filwaqt li 8 % baqgħu newtrali u 19 % kienu inċerti. Barra minn hekk, 71 % qablu li l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal proġetti ibridi (dawk li jikkombinaw teknoloġiji differenti, inkluż il-ħżin) u soluzzjonijiet innovattivi oħra għandhom jiġu ssimplifikati (il-kumpaniji 72 %, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju 85 %, l-NGOs 43 %, l-awtoritajiet pubbliċi 60 %), bi 11 % li baqgħu newtrali u 14 % li kienu inċerti.

Fl-istess ħin, saru żewġ Djalogi pubbliċi dwar l-Implimentazzjoni, wieħed dwar il-valutazzjonijiet ambjentali u l-ħruġ tal-permessi mill-Kummissarju Jessika Roswall[19] u wieħed dwar il-ħruġ tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għall-infrastruttura relatata mill-Kummissarju Jørgensen[20]. Fiż-żewġ djalogi, tqajmet il-ħtieġa li jiġi ssimplifikat il-ħruġ tal-permessi u speċifikament b'rabta mal-valutazzjonijiet ambjentali mill-partijiet ikkonċernati, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi biex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni kurrenti tal-UE u t-tixrid ta' prattiki tajbin. Fid-djalogu dwar l-implimentazzjoni li sar mill-Kummissarju Jørgensen, ġiet enfasizzata wkoll il-ħtieġa għal aktar **simplifikazzjoni tal-proċeduri** (b'mod partikolari għal proġetti fuq skala żgħira, għall-ħżin u għar-repowering), għall-estensjoni tal-**prinċipju ta' interess pubbliku prevalenti**, għal **eżenzjonijiet immirati** minn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE, għall-aċċellerazzjoni tad-**diġitalizzazzjoni** tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi u għat-titjib tad-**disponibbiltà tad-**data.

Barra minn hekk, f'rapport reċenti dwar l-istat tar-reġjuni u tal-bliet[21], waħda mit-talbiet tar-reġjuni u tal-bliet għall-Ewropa kienet l-aċċellerazzjoni tal-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u dawn indikaw id-dewmien amministrattiv bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għall-użu f'waqtu li għad fadal. Fl-istess ħin, huma talbu l-iżvilupp ta' sistema armonizzata għall-ħruġ tal-permessi diġitali għall-UE kollha, li jemmnu li tnaqqas il-burokrazija u tappoġġa approvazzjonijiet lokali aktar rapidi, filwaqt li tennew il-proposta tagħna għad-diġitalizzazzjoni u għaċ-ċentralizzazzjoni ulterjuri tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi.

Dawn it-tweġibiet ikkonfermaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex jiġu ssimplifikati u aċċellerati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Il-feedback riċevut huwa rifless sew fil-proposta li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq li għalihom sehem kbir ta' rispondenti indikaw ħtieġa għas-simplifikazzjoni, għall-aċċellerazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni wettqet din l-analiżi billi użat kanali ta' informazzjoni differenti. Twettqet analiżi legali u ta' politika bbażata fuq id-dokumentazzjoni bi tħejjija għar-Rapport ta' Implimentazzjoni li huwa mehmuż mal-Valutazzjoni tal-Impatt. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ħadet nota wkoll tal-esperjenzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-

[19] Implementation Dialogue on environmental assessments and permitting - Ambjent
[20] Implementation dialogue on permitting for renewable energy projects and related infrastructure with Commissioner Jørgensen - il-Kummissjoni Ewropea
[21] Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, "The state of regions and cities EU annual report 2025" (Ottubru 2025): The State of Regions and Cities in the European Union | European Committee of the Regions

dispożizzjonijiet relatati mal-ħruġ tal-permessi skont l-RED, miġbura permezz ta' studju ddedikat bit-titolu "Technical support for RES policy development and implementation – Simplification of permission and administrative procedures for RES installations (RES Simplify)"[22] ippubblikat f'April 2023. Minbarra d-dokumenti leġiżlattivi rilevanti, is-sors primarju kien il-ħidma tal-Kummissjoni stess fuq l-implimentazzjoni tal-parti dwar il-ħruġ tal-permessi tal-RED riveduta, inkluż permezz tal-kontrolli tat-traspożizzjoni. Il-progress tal-kontrolli tat-traspożizzjoni nġabar fil-qosor f'Ġunju 2025 permezz tal-Ewwel Rapport ta' Progress sottomess lill-Kummissjoni fil-mandat tal-kuntratt speċifiku li għadu għaddej "Legal assistance to check Member States' transposition of the amending Directive (EU) 2023/2413 of the European Parliament and of the Council of 18 October 2023". Barra minn hekk, l-analiżi ħadet rendikont tas-sejbiet tal-istudju li għaddej bħalissa "Monitoring progress of measures to streamline permit-granting procedures under revised RED and Emergency Regulation and development of permitting-related KPIs", u l-Ewwel Rapport *Interim* tiegħu li wasal għand il-Kummissjoni f'Lulju 2025, kif ukoll l-istudju dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi[23]. Barra minn hekk, l-eżitu tad-diskussjonijiet li saru minn April 2023 f'sitt laqgħat tal-grupp ta' esperti dwar il-ħruġ tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli u ta' avveniment wieħed tal-partijiet ikkonċernati, l-eżitu tad-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-ħruġ tal-permessi fl-Azzjoni Miftiehma dwar l-RED (CA-RES[24]), kif ukoll il-Konklużjonijiet tad-Djalogu dwar l-implimentazzjoni mal-Kummissarju Jørgensen dwar il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-infrastrutturi relatati minn Ġunju 2025[25] issupplementaw dan ir-Rapport. Barra minn hekk, fir-rigward tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-infrastrutturi tal-enerġija, dawn ġew ivvalutati bħala parti mill-istudju bit-titolu "Study on national permit granting process applicable to energy transmission infrastructure projects with a focus on projects of common interest and projects of mutual interest under Chapter III of Regulation (EU) 2022/869", ikkuntrattat mill-Kummissjoni u ppubblikat fil-bidu tal-2025[26]. Dan l-istudju identifika lakuni li jridu jiġu indirizzati sabiex jiġi ffaċilitat qafas unifikat u effiċjenti għall-ħruġ tal-permessi li jappoġġa l-varar f'waqtu ta' proġetti tal-infrastruttura essenzjali, fost nuqqasijiet oħra relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali, maċ-ċarezza tal-proċeduri u mal-aċċettazzjoni pubblika.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Tħejjiet Valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta u waslet opinjoni pożittiva bil-kummenti mingħand il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB, Regulatory Scrutiny Board) (RSB/RM/cdd – rsb(2025)9584707).

---

22 Ir-rapport finali jinsab hawnhekk: Technical support for RES policy development and implementation – simplification of permission and administrative procedures for RES installations (RES Simplify) - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.

23 Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, COWI, Eclareon u Prognos, Monitoring the implementation of the Commission recommendation and guidance on speeding up permit-granting procedures for renewable energy and related infrastructure projects – Final report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, https://data.europa.eu/doi/10.2833/2257747

24 www.ca-res.eu

25 Ara n-nota 18 f'qiegħ il-paġna

26 Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Milieu, Bruggeman, V., Vona, L., Moreira, G. *et al.*, *Study on national permit granting process applicable to energy transmission infrastructure projects with a focus on projects of common interest and projects of mutual interest under Chapter III of Regulation (EU) 2022/869 – Overview report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, **https://data.europa.eu/doi/10.2833/2566900**

Ġew ivvalutati tliet għażliet (jekk jogħġbok ara t-tabella hawn taħt):

| | | |
|---|---|---|
| It-tqassir u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin, kif ukoll għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar | C.1 | L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-ħruġ ta' gwida |
| | C.2 | Bidliet leġiżlattivi mmirati biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi |
| | C.3 | Reġim ċentralizzat ta' koordinazzjoni għall-ħruġ tal-permessi għall-UE kollha għal ċerti proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija fuq skala kbira ("it-28 Reġim") |

Il-miżura C.2 li hija l-għażla ppreferuta u l-bażi għal din il-proposta tinvolvi emendi leġiżlattivi biex jiġu aċċellerati u ssimplifikati ulterjorment il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-grilji tat-trażmissjoni transfruntiera u nazzjonali u tad-distribuzzjoni lokali kif ukoll għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar. Dawn l-emendi jistgħu jinkludu: (1) l-istabbiliment ta' qafas fil-livell tal-UE għall-ħruġ aċċellerat tal-permessi għall-proġetti tad-distribuzzjoni, tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-elettriku u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar inkluż l-allinjament mad-dispożizzjonijiet tal-ħruġ tal-permessi fil-livell tal-UE applikabbli għall-infrastruttura tal-idroġenu u t-tisħiħ ulterjuri tagħhom; (2) l-introduzzjoni ta' bidliet fl-RED riveduta u (3) is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali applikabbli għall-assi tal-enerġija; l-eżenzjoni ta' ċerti proġetti minħabba l-karatteristiċi tagħhom minn ċerti valutazzjonijiet jew elementi tagħhom.

L-għażla taż-żamma tal-istatus quo (BAU, Business-As-Usual) twarrbet bħala għażla ta' politika fi stadju bikri minħabba li l-problemi identifikati jippersistu jew pjuttost jiżdiedu u b'hekk jipprevjenu l-kisba tal-objettivi identifikati. Meta mqabbla mal-għażliet 1 u 3, l-għażla 2 tqieset aħjar fir-rigward tal-impatti, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Ġew identifikati l-impatti li ġejjin:

Impatt Ekonomiku

Permezz tal-ħolqien ta' qafas ċar bi skadenzi konkreti iqsar u bi proċeduri aktar sempliċi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES, Renewable Energy Source), ta' grilji u ta' stazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, il-proposta twassal għal żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni iqsar għall-proġetti u b'hekk iġġib benefiċċji ekonomiċi pożittivi. Dan huwa appoġġat mill-esperjenza bl-implimentazzjoni ta' miżuri vinkolanti u fakultattivi biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi kif introdott mir-Regolament ta' Emerġenza. Il-Ġermanja għamlet użu estensiv mill-miżuri f'dan ir-Regolament li rriżulta f'aċċellerazzjoni sostanzjali tal-ħruġ tal-permessi. L-indirizzar tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti huwa mistenni li jiġġenera benefiċċji f'termini ta' tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa u jżid il-benesseri totali.

Kompetittività

B'mod ġenerali, jekk l-Ewropa tista' tqassar b'mod sinifikanti l-proċeduri għall-ippjanar u għall-ħruġ tal-permessi, minbarra li tikseb benefiċċji ekonomiċi diretti, il-pożizzjoni

kompetittiva tagħha fil-konfront tal-kompetituri diretti tista' tittejjeb ukoll, pereżempju permezz tal-elettrifikazzjoni kosteffiċjenti tal-industrija.

Diġitalizzazzjoni

Il-proposta tkun tirrikjedi li l-Istati Membri jkomplu jiddiġitalizzaw il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi tagħhom permezz tal-integrazzjoni ta' għodod diġitali, joħolqu, jaġġornaw kontinwament il-pjattaformi b'data rilevanti u jtejbu l-ħiliet tal-persunal tagħhom biex jittrattaw l-elementi diġitali l-ġodda.

Piż amministrattiv

Il-miżuri skont il-proposta jeħtieġu implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, speċifikament fir-rigward ta' dawn: it-tagħmir tal-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi bil-persunal, bil-ħiliet u bl-għodod kollha neċessarja biex jittrattaw l-għadd dejjem jikber ta' talbiet għall-ħruġ tal-permessi, l-iskedi ta' żmien aċċellerati għall-ħruġ tal-permessi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal ċerti proġetti u għar-repowering, il-ħolqien ta' pjattaformi u ta' għodod diġitali għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi u għat-tfassil ta' skemi ta' kondiviżjoni tal-benefiċċji għall-parteċipazzjoni pubblika fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli u proċeduri ġodda bħala punti uniċi ta' kuntatt għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku b'mod ġenerali u għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, mhux koperti mill-RED riveduta. Madankollu, dan l-effett tal-kost fuq terminu qasir jissarraf fi ffrankar minn proċeduri rrazzjonalizzati, aktar sempliċi u aktar rapidi fuq terminu medju u fit-tul.

Impatti soċjali

Il-proposta ta' miżuri addizzjonali li jsaħħu l-involviment pubbliku bikri u effettiv u jrawmu l-appoġġ pubbliku għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jinkludu b'mod espliċitu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni pubblika u, għaldaqstant, l-aċċettazzjoni soċjali ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Billi tirrevedi l-miżuri kurrenti dwar l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni se tkun tista' tivvaluta l-opportunità li tintroduċi miżuri li jkunu ta' benefiċċju dirett jew indirett għall-konsumaturi, eż. skemi ta' qsim tal-benefiċċji u l-ħolqien tal-impjiegi.

Impatti Ambjentali

L-iżgurar tal-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-enerġija, speċjalment il-grilji tal-elettriku, huwa essenzjali biex jiżdied is-sehem tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli integrata fit-taħlita enerġetika, filwaqt li jiġi evitat it-telf ambjentali minħabba t-tnaqqis. L-integrazzjoni tal-RES se tippermetti li jitrażżan l-użu tal-fjuwils fossili filwaqt li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk jiġu indirizzati żewġ fatturi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità: it-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-arja. Il-proposta tinkludi miżuri li għandhom l-għan li jaċċelleraw il-ħruġ tal-permessi u li, għaldaqstant, iwasslu għal implimentazzjoni aktar rapida u mifruxa, li jirrelataw mal-użu ta' aktar spazju u għalhekk għandhom effett fuq l-ambjent, iżda huma mfassla biex ma jnaqqsux il-livell ta' protezzjoni tal-ambjent.

L-impatti rilevanti fuq l-ambjent naturali u dak magħmul mill-bniedem imorru lil hinn mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gases) u ta' gassijiet li ma humiex $CO_2$. Dawn l-impatti huma dipendenti ħafna fuq it-teknoloġija użata u l-post fejn jinsabu l-assi u l-istatus ambjentali tal-fawna u tal-flora tal-madwar. Madankollu, dawn l-impatti huma indirizzati fit-tfassil tal-miżuri proposti permezz tal-introduzzjoni ta' salvagwardji.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mar-REFIT, madankollu tinkludi miżuri li jġibu impatti pożittivi f'termini ta' simplifikazzjoni u ta' effiċjenza mtejba bħat-tqassir tal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi, tissimplifika l-proċess u tiċċara l-qafas eżistenti, tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-promoturi. Il-proposta hija adattata għall-internet u xierqa kemm għall-ambjent fiżiku kif ukoll għal dak diġitali. Din tinkludi miżuri li jippromwovu d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi kif ukoll il-ġbir u t-tixrid ta' informazzjoni u data relatati mal-ambjent li huma neċessarji għall-konklużjoni tal-valutazzjonijiet u tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti. Dawn l-għodod diġitali se jiċċentralizzaw ukoll il-proċeduri sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għaċ-ċittadini u għan-negozji. Dawn is-soluzzjonijiet diġitali kollha se jqisu kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data u ta' ċibersigurtà f'konformità mal-politiki ġenerali tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

F'termini ta' konsistenza mal-Karta għad-drittijiet fundamentali, l-għan ġenerali ta' dan ir-rieżami huwa li jissimplifika u jirrazzjonalizza l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-infrastruttura tal-enerġija bħall-grilji, għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, kif ukoll għall-enerġija rinnovabbli, sabiex tiżdied l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan huwa kompletament konformi mal-Artikolu 37 tal-Karta li skontu livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent iridu jiġu integrati fil-politiki tal-Unjoni u żgurati f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma timplika l-ebda kost addizzjonali għall-baġit tal-UE. Huma previsti biss xi ħtiġijiet baġitarji għal studji li jappoġġaw il-kontrolli tat-traspożizzjoni.

Din il-proposta temenda Direttiva eżistenti dwar il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u l-impatt u l-kostijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri huma, għalhekk, stmati li jkunu moderati, peress li l-biċċa l-kbira tal-istrutturi u r-regoli neċessarji huma stabbiliti. L-Istati Membri se jiffaċċjaw kostijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligu l-ġdid li joħolqu pjattaforma diġitali u ċentralizzata għall-permessi neċessarji kollha kif ukoll fl-istabbiliment tal-faċilitatur, iżda maż-żmien dawn l-investimenti se jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u l-ammont ta' xogħol. Barra minn hekk, ir-razzjonalizzazzjoni ġenerali tal-proċeduri hija mistennija li ġġib magħha ffrankar sinifikanti tal-kostijiet għall-Istati Membri. Għal dan l-għan, irid jitqies ukoll li kwalunkwe kost li jseħħ minħabba ż-żieda ulterjuri tal-varar u tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli se jkun ibbilanċjat minn benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali oħra bħal żieda fis-sigurtà tal-provvista, billi jiġu ssostitwiti l-fjuwils fossili importati minn pajjiżi terzi, u reżiljenza akbar kontra l-esternalitajiet, filwaqt li jingħata kontribut għall-bir ta' karbonju u jitnaqqas it-tniġġis tal-arja.

Din il-proposta temenda wkoll id-Direttivi eżistenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi. Il-bidliet fid-Direttivi dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi mhux se jinvolvu kostijiet. Mill-emendi li huma introdotti fil-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, il-miżura li tirrikjedi bażi tad-data bid-data u bl-informazzjoni ambjentali rilevanti kollha se tirrikjedi xi kostijiet, minkejja li xi Stati Membri diġà għandhom bażijiet tad-data bħal dawn. Għalhekk, għall-bqija tal-bidliet, l-impatt u l-kostijiet amministrattivi huma stmati li jkunu moderati, peress li l-biċċa l-kbira tal-istrutturi u r-regoli neċessarji huma fis-seħħ.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja mill-koleġiżlaturi, matul il-perjodu ta' traspożizzjoni, il-Kummissjoni se twettaq l-azzjonijiet li ġejjin biex tiffaċilita t-traspożizzjoni tagħha:

– Id-disponibbiltà għal-laqgħat bilaterali u għal sejħiet mal-Istati Membri f'każ ta' mistoqsija speċifika dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva.

– Tipprovdi spjegazzjonijiet u appoġġ tekniku lill-Istati Membri permezz tal-għodda online disponibbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri għall-mistoqsijiet.

– Taġġorna r-rakkomandazzjoni u l-gwida dwar il-ħruġ tal-permessi, jekk ikun neċessarju

Wara l-iskadenzi tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni komprensiva ta' jekk l-Istati Membri ttrasponewx din id-Direttiva b'mod sħiħ u korrett.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (il-kawża C-543/17), l-Istati Membri jridu jakkumpanjaw in-notifiki tagħhom tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali b'informazzjoni ċara u preċiża biżżejjed, li tindika liema dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jittrasponu liema dispożizzjonijiet ta' direttiva. Dan irid jiġi pprovdut għal kull obbligu, mhux biss fil-"livell tal-artikolu". Jekk l-Istati Membri jikkonformaw ma' dan l-obbligu, fil-prinċipju ma jkollhomx bżonn jibagħtu dokumenti ta' spjegazzjoni oħra dwar it-traspożizzjoni lill-Kummissjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

<u>Emendi tad-Direttiva (UE) 2018/2001 (l-Artikolu 1 ta' din il-proposta)</u>

– L-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġu introdotti xi definizzjonijiet.

– L-Artikolu 15c tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġi introdott obbligu fuq l-Istati Membri li ma jidentifikawx territorji kbar fejn l-installazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli ma tkunx possibbli *a priori* minħabba raġunijiet ambjentali, inkluża l-protezzjoni tal-pajsaġġ.

– L-Artikolu 15d tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġu introdotti miżuri għall-Istati Membri biex jiżguraw li sehem mill-benefiċċji tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jingħadda liċ-ċittadini u lill-komunitajiet lokali u obbligu li jiġi ddeżinjat u ffinanzjat faċilitatur indipendenti biex jippromwovi d-djalogu bejn l-iżviluppatur tal-proġett u l-pubbliku ġenerali.

– L-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġi introdott obbligu għall-Istati Membri li jistabbilixxu portal diġitali uniku fil-livell nazzjonali għall-passi kollha tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-ħżin u tal-grilja. Dan il-portal se jkollu wkoll aċċess għad-data kollha dwar l-osservazzjonijiet tal-ispeċijiet u data ambjentali u ġeoloġika oħra magħmula disponibbli mill-awtoritajiet ambjentali

rilevanti, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament [*xxxxx*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

– L-Artikolu 16b tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex titħassar ir-referenza għall-qtil intenzjonat jew għat-tfixkil tal-ispeċijiet meta jkunu ġew adottati l-miżuri ta' mitigazzjoni neċessarji biex tiġi introdotta approvazzjoni taċita għall-proċedura għall-ħruġ tal-permessi barra miż-żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli.

– L-Artikolu 16c tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġu inklużi regoli speċifiċi sabiex jiġi ffaċilitat ir-repowering minkejja l-bidliet fl-użu tal-art, u biex jiġu rrazzjonalizzati r-rekwiżiti ambjentali għar-repowering ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli eolika jekk ma jintuża l-ebda wiċċ tal-art addizzjonali.

– L-Artikolu 16d tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġu rrazzjonalizzati r-regoli dwar il-ħruġ tal-permessi fir-rigward tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal installazzjonijiet solari fuq skala żgħira u installazzjonijiet solari fuq strutturi artifiċjali.

– L-Artikolu 16f tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex titneħħa l-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' interess pubbliku prevalenti u li jestendu l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' interess pubbliku prevalenti għal kunflitti fejn l-interessi kunfliġġenti jmorru lil hinn minn dawk ambjentali.

– L-Artikolu 16g huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2018/2001 biex jiġi speċifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti u tar-rekwiżit li jiġu applikati miżuri ta' kumpens għall-finijiet tad-dritt ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

– L-Artikolu 16h huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2018/2001 biex tiġi rregolata l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-ħżin tal-enerġija awtonomu għajr il-ħżin tal-idroġenu.

– L-Artikolu 16i huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2018/2001 biex jiġi rregolat il-proċess tal-ħruġ tal-permessi għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar.

– L-Artikolu 16j huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2018/2001 biex jiġi rregolat il-proċess tal-ħruġ tal-permessi għall-ibridizzazzjoni tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli.

– L-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huwa emendat biex jiġu kkonsolidati d-dispożizzjonijiet kollha dwar il-konnessjoni mal-grilja, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u jiġu introdotti regoli ċari dwar il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, inklużi skadenzi mmirati għall-konnessjoni ta' ċerti proġetti.

<u>Emendi tad-Direttiva (UE) 2019/944 (l-Artikolu 2 ta' din il-proposta)</u>

– L-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/944 huwa emendat biex tiġi rregolata l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, filwaqt li jiġi introdott ir-rekwiżit għal riżorsi adegwati għall-awtoritajiet nazzjonali, termini għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, approvazzjoni taċita għal deċiżjonijiet amministrattivi, terminu għat-talbiet għal data mill-awtoritajiet lill-promoturi, preżunzjoni temporanja ta' interess pubbliku prevalenti għall-grilji tal-elettriku, eżenzjoni

temporanja għar-rinnovazzjoni, għall-modernizzazzjoni jew għar-repowering tal-grilji tat-trażmissjoni u tal-grilji tad-distribuzzjoni eżistenti mill-Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali u Valutazzjonijiet xierqa, aspetti relatati mal-valutazzjoni tal-proġetti skont id-Direttiva 2000/60/KE u l-valutazzjoni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu li jistgħu jitwettqu biex ikun hemm konformità mad-Direttiva 92/43/KEE u jiġu limitati l-valutazzjonijiet ambjentali għal assi ġodda. Fl-aħħar nett, l-Artikolu huwa emendat biex jitpoġġa l-obbligu fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu pjattaformi diġitali biex jittrattaw l-applikazzjonijiet għall-permessi. Dawn il-pjattaformi se jkollhom ukoll aċċess għad-data kollha dwar l-osservazzjonijiet tal-ispeċijiet u data ambjentali u ġeoloġika oħra magħmula disponibbli mill-awtoritajiet ambjentali rilevanti, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament [*xxxxx*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

– L-Artikolu 8a huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2019/944 biex jiġi speċifikat il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti u tar-rekwiżit li jiġu applikati miżuri ta' kumpens għall-finijiet tad-dritt ambjentali rilevanti tal-Unjoni.

– L-Artikolu 40a huwa introdott fid-Direttiva (UE) 2019/944 biex jirregola l-iżviluppi tan-network u s-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment fuq livell nazzjonali. L-Artikolu jissostitwixxi l-Artikolu 51 eżistenti, għall-fini ta' kjarifika tal-applikazzjoni legali tad-dispożizzjonijiet rilevanti u għandu l-għan li jiżgura konsistenza sħiħa mal-bidliet reċenti fid-Direttiva (UE) 2024/1788 u fir-Regolament TEN-E.

– L-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944, dwar l-iżvilupp tan-network u s-setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment jitħassar peress li dawn se jiġu rregolati bl-Artikolu 40a l-ġdid.

<u>Emendi tad-Direttiva (UE) 2024/1788 (l-Artikolu 3 ta' din il-proposta)</u>

– L-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 huwa emendat biex jiġi introdott ir-rekwiżit għal riżorsi adegwati għall-awtoritajiet nazzjonali, għal approvazzjoni taċita għal deċiżjonijiet amministrattivi, għal terminu għat-talbiet għal data mill-awtoritajiet lill-promoturi, u rekwiżit għal pjattaforma diġitali biex tittratta l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni.

2025/0400 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi bil-mod u kkumplikati, inkluż għall-konnessjonijiet mal-grilja, huma wieħed mill-fatturi ewlenin li jikkawżaw dewmien fl-iżvilupp ta' proġetti tal-enerġija. Il-grilji tat-trażmissjoni tal-elettriku jieħdu madwar 10 snin biex jitlestew, li minnhom il-ħruġ tal-permessi jammonta għal aktar minn nofs iż-żmien meħtieġ. B'mod simili, il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli xorta waħda jista' jieħu sa 9 snin skont l-Istat Membru u t-teknoloġija involuta. L-installazzjonijiet tal-ħżin jistgħu jieħdu minn sena sa 7 snin skont it-teknoloġija. Il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-kostruzzjoni jew għat-trasformazzjoni tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar tul l-awtostradi u fl-imħażen jistgħu jieħdu sa sentejn f'xi Stati Membri. Il-ħruġ tal-permessi bil-mod huwa dovut, fost affarijiet oħra, għal sistemi amministrattivi inkoerenti fost diversi awtoritajiet, għal numru inadegwat ta' membri tal-persunal fl-awtoritajiet, għad-durata tal-valutazzjonijiet ambjentali, għan-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika, għad-diġitalizzazzjoni u d-disponibbiltà tad-data limitati kif ukoll għall-isfidi amministrattivi u ġudizzjarji.

(2) F'dawn l-aħħar snin, ġew introdotti miżuri ġodda fil-livell tal-Unjoni biex jaċċelleraw il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u, sa ċertu punt, għall-proġetti infrastrutturali. Fl-2022, ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill

[1] ĠU C , , p. .

[2] ĠU C , , p. .

(UE) 2022/2577[3] biex jiġu aċċellerati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-infrastruttura relatata. L-applikazzjoni parzjali tiegħu ġiet estiża bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/223[4] sat-30 ta' Ġunju 2025. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] emendat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] biex tirrazzjonalizza l-proċeduri amministrattivi għall-awtorizzazzjoni tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli billi introduċiet qafas komprensiv għall-ħruġ tal-permessi, bi skadenzi iqsar u b'regoli aktar sempliċi. Id-Direttiva emendata kienet tinkludi obbligi ta' mmappjar, l-obbligu li jiġu ddeżinjati żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli fejn l-impatti ambjentali li jirriżultaw mill-proġetti jkunu mistennija li jkunu baxxi u, għalhekk, jistgħu japplikaw regoli aktar rapidi u aktar sempliċi, u miżuri fakultattivi biex jiġu introdotti żoni ta' aċċellerazzjoni għall-proġetti tal-infrastruttura fejn il-proġetti tal-infrastruttura jkunu eżentati minn valutazzjoni tal-impatt ambjentali taħt ċerti kundizzjonijiet bħat-twettiq ta' valutazzjoni ambjentali strateġika taż-żona.

(3) Huma meħtieġa aktar simplifikazzjoni u tqassir tal-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ tal-permessi b'mod koordinat u armonizzat sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq il-miri ambizzjużi tagħha dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 ma indirizzatx kwistjonijiet importanti li jdewmu b'mod sinifikanti l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-sistema, bħal proċeduri bil-mod għall-ħruġ tal-permessi għall-grilji, għall-ħżin tal-enerġija jew għal stazzjonijiet tal-irriċarġjar awtonomi, nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika jew diġitalizzazzjoni insuffiċjenti tal-proċeduri. Barra minn hekk, dik id-Direttiva tinkludi biss uħud mill-miżuri tar-Regolament (UE) 2022/2577 iżda hija nieqsa minn diversi miżuri importanti inklużi fih li ma baqgħux japplikaw, bħall-espansjoni tal-prijorità tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-aspetti ambjentali u r-razzjonalizzazzjoni tal-konformità ma' ċerti regoli ambjentali. Fl-aħħar nett, xi emendi mmirati għall-miżuri eżistenti tad-Direttiva (UE) 2018/2001 huma neċessarji biex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tagħhom.

(4) L-Artikolu 15c tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jintroduċi obbligu għall-Istati Membri li jiddeżinjaw żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli għal mill-inqas teknoloġija waħda tal-enerġija rinnovabbli. Għall-finijiet ta' tali deżinjazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jeskludu ċerti żoni milli jsiru żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli minħabba l-valur ambjentali għoli u s-sensittivitajiet tagħhom. Madankollu, sabiex ma jiddgħajfux l-objettivi tad-deżinjazzjoni taż-żoni ta' aċċellerazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri ma

---

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2577/oj).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/223 tat-22 ta' Diċembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2577 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L, 2024/1343, 21.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1343/oj).

5 Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

6 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

jidentifikawx territorji kbar fejn l-installazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli ma tkunx possibbli *a priori* minħabba raġunijiet ambjentali inkluża l-protezzjoni tal-pajsaġġ, peress li dawk il-proġetti se jkunu soġġetti għall-valutazzjonijiet ambjentali dedikati rilevanti li se jippermettu l-identifikazzjoni tal-impatti ambjentali potenzjali u l-indirizzar tagħhom.

(5) Proċessi ta' parteċipazzjoni pubblika mhux sodi li jwasslu għal oppożizzjoni fil-forma ta' sfidi amministrattivi u ġudizzjarji jkomplu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni li tieħu fit-tul ta' proġetti tal-enerġija rilevanti. L-isfidi jwasslu għal passi addizzjonali barra mill-iskedi ta' żmien tal-proċeduri amministrattivi previsti għall-ħruġ tal-permessi, li jwasslu għal dewmien mhux previst li jvarja fid-durata skont il-ħeffa ġudizzjarja tal-Istat Membru inkwistjoni. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni pubblika huwa wieħed mill-ostakli primarji għall-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli u, b'hekk, għall-adozzjoni mis-suq. L-iżgurar tal-parteċipazzjoni pubblika mill-komunitajiet lokali fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari dawk akbar, jista' jżid l-aċċettazzjoni pubblika. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri sabiex proġetti kbar tal-enerġija rinnovabbli jaqsmu l-benefiċċji tagħhom maċ-ċittadini u mal-komunitajiet lokali permezz ta' parteċipazzjoni diretta jew indiretta, mingħajr preġudizzju għall-għażla libera tal-fornitur f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Tali miżuri jistgħu jinkludu miżuri ta' parteċipazzjoni finanzjarja diretta, f'diversi forom bħal skemi ta' sjieda kondiviża, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mal-komunitajiet tal-enerġija; skemi ta' finanzjament kollettiv, jew skemi ta' awtokonsum rinnovabbli jew ta' kondiviżjoni tal-enerġija, jew miżuri ta' parteċipazzjoni finanzjarja indiretta, bħall-promozzjoni ta' kuntratti u l-ħolqien tal-impjiegi għall-komunitajiet lokali, inklużi programmi ta' taħriġ; fondi ta' benefiċċju komunitarju; kumpensi finanzjarji lill-komunitajiet lokali qrib il-proġett; il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura pubblika qrib il-proġett; skontijiet fil-prezz tal-elettriku, jew appoġġ għall-klijenti vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku.

(6) Ir-reżistenza lokali, li spiss ibbażata fuq in-nuqqas ta' trasparenza, u l-involviment insuffiċjenti tal-komunità jistgħu jirriżultaw f'dewmien fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u f'litigazzjoni sussegwenti. L-involviment tal-pubbliku fi stadju bikri u xieraq huwa fattur ċar ta' suċċess fil-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kif indikat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1343[8]. Faċilitatur indipendenti u professjonali jista' jaċċellera l-varar ta' installazzjonijiet kbar tal-enerġija rinnovabbli ta' aktar minn 10 MW billi jippromwovi konsultazzjonijiet bejn l-iżviluppaturi tal-proġetti u l-komunitajiet lokali, fejn xieraq, qabel u matul il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi bl-għan li jippromwovi d-djalogu u jibni kunsens fost il-partijiet rilevanti matul il-proċess kollu u jevita tilwim legali. Jenħtieġ li l-faċilitatur ikun parti terza, indipendenti mill-partijiet rilevanti, u jenħtieġ li ma jkollu l-ebda sehem finanzjarju marbut mal-iżviluppatur jew mal-komunità fejn ikun jinsab il-proġett.

(7) In-nuqqas ta' riżorsi tal-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi u n-nuqqas ta' diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u ta' disponibbiltà tad-data

[7] Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj).

[8] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1343 tat-13 ta' Mejju 2024 dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-proġetti tal-infrastruttura relatati (ĠU L, 2024/1343, 21.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2024/1343/oj).

huma punti ta' konġestjoni li jnaqqsu r-ritmu tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Id-diġitalizzazzjoni u l-użu xieraq tal-karatteristiċi tal-intelliġenza artifiċjali huma għodod ewlenin biex jitħaffu l-proċeduri u biex tiżdied l-effiċjenza għall-partijiet kollha involuti. Dawn jippermettu trattament aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet mill-awtoritajiet rilevanti, u jippermetti li l-promoturi tal-proġetti jkollhom aċċess rapidu għal informazzjoni ċara dwar il-passi u r-rekwiżiti tal-proċess mill-bidu nett, u b'hekk jiġu żgurati t-trasparenza u l-monitoraġġ. Madankollu, id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għadha lura, peress li spiss tkun mifruxa fost il-proċeduri u l-passi tal-ħruġ tal-permessi fost l-awtoritajiet kompetenti differenti u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma hemm l-ebda proċess diġitali unifikat[9]. Barra minn hekk, spiss jintuża aktar minn portal diġitali wieħed biex jittratta l-istess applikazzjoni għal proġett u l-interoperabbiltà mhux dejjem tkun żgurata. Dan iwassal għal piż amministrattiv kbir għall-promoturi tal-proġetti, koordinazzjoni interna limitata fost l-awtoritajiet li jittrattaw il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi f'livelli differenti, nuqqas ta' viżibbiltà tal-istatus tal-applikazzjoni u nuqqas ta' ċarezza dwar il-punti ta' konġestjoni li jnaqqsu r-ritmu tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu portal diġitali uniku fil-livell nazzjonali għall-passi kollha tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-ħżin u tal-grilja sabiex jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni, għall-interoperabbiltà u għat-trasparenza aktar uniformi fost l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi differenti fl-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar iħaffef il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Jenħtieġ li dan jissimplifika wkoll il-proċess billi jippermetti lill-applikanti jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom f'portal uniku li jista' jattribwixxi awtomatikament l-applikazzjonijiet lill-awtorità kompetenti, li tittrattahom direttament fil-portal filwaqt li tevita passi intermedji bbażati fuq il-karta. Jenħtieġ li l-portal jippreżenta karatteristiċi, inkluż permezz tal-intelliġenza artifiċjali, li jippermettu lill-punt uniku ta' kuntatt, lil awtoritajiet oħra u lill-applikanti jivverifikaw l-istatus tal-applikazzjoni u fejn ikun hemm dewmien, kif ukoll jivverifikaw il-konformità mal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jippermetti l-estrazzjoni tal-istatistiki biex jiġi vverifikat il-progress ġenerali tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-format magħżul għall-ħżin u għall-komunikazzjoni tad-data rilevanti miġbura permezz tal-portal ikun interoperabbli. Jenħtieġ li l-portal jiffaċilita d-dmirijiet tal-punt uniku ta' kuntatt li jenħtieġ li jkollu aċċess għad-data u għall-informazzjoni rilevanti kollha.

(8) Skadenzi aktar rapidi u iqsar għall-ħruġ tal-permessi għall-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn miżuri addizzjonali li jiżguraw l-effettività tagħhom fil-prattika. Il-miżuri amministrattivi ta' approvazzjoni taċita jiżguraw li applikazzjoni tiġi approvata awtomatikament jekk l-amministrazzjoni pubblika tonqos milli taġixxi fi żmien skadenza definita legalment u, għalhekk, huma għodda utli biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' azzjoni amministrattiva billi jipprovdu effett legali għas-silenzju tal-amministrazzjoni. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tintroduċi approvazzjoni taċita għal ċerti deċiżjonijiet, jiġifieri għal passi intermedji tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi f'żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli, u għall-permessi finali għall-installazzjonijiet solari fuq skala żgħira kollha b'kapaċità ta' inqas minn 100 kW. Minħabba l-ħtieġa li jiġi aċċellerat il-varar tas-sorsi tal-

[9] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, COWI, Eclareon u Prognos, Monitoring the implementation of the Commission recommendation and guidance on speeding up permit-granting procedures for renewable energy and related infrastructure projects – Final report, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, p. 31.

enerġija rinnovabbli u l-fatt li l-implimentazzjoni taż-żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli hija proċess li jieħu ħafna ħin, huwa xieraq li din il-miżura tiġi applikata wkoll fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għall-proġetti li jinsabu barra miż-żoni ta' aċċellerazzjoni. F'dawn il-proċeduri, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġi applikat il-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva, inkluż għal deċiżjonijiet finali bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet ambjentali. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva ta' din il-miżura u biex jiġu ggarantiti d-drittijiet ta' partijiet terzi għall-protezzjoni ġudizzjarja, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jippubblikaw li deċiżjoni tkun ġiet adottata b'mod taċitu.

(9) Ir-repowering ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti għandu potenzjal sinifikanti li jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tal-enerġija rinnovabbli. Peress li l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ġew installati f'siti b'potenzjal sinifikanti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ir-repowering jista' jiżgura l-użu kontinwu ta' dawk is-siti, u b'hekk jiżgura l-użu effiċjenti tal-art u l-isfruttament tal-aħjar riżorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dan huwa partikolarment il-każ għall-enerġija eolika fuq l-art, speċjalment meta jitqies li fl-Ewropa ħafna parks eoliċi fuq l-art qed joqorbu lejn tmiem il-kuntratti li jappoġġaw il-ġenerazzjoni tal-elettriku tagħhom u li 26 GW ta' impjanti eoliċi eżistenti ilhom joperaw għal aktar minn 20 sena[10]. Ir-repowering jinkludi aktar benefiċċji bħal konnessjoni mal-grilja eżistenti, probabbiltà ta' grad ogħla ta' aċċettazzjoni pubblika u għarfien dwar l-impatti ambjentali probabbli. Meta jitqies li r-repowering tal-impjanti eoliċi spiss iwassal biex jiġi installat għadd aktar baxx ta' turbini fl-istess sit, l-impatt ambjentali tal-impjanti eoliċi repowered huwa limitat. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti dwar l-iskrinjar ambjentali jew il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jitnaqqsu jew saħansitra jiġu rrinunzjati meta r-repowering ta' impjant eoliku eżistenti ma jinvolvix l-użu ta' wiċċ tal-art addizzjonali, iżid il-kapaċità totali tal-installazzjoni u jikkonforma mal-miżuri ta' mitigazzjoni ambjentali applikabbli stabbiliti għall-installazzjoni oriġinali tal-enerġija eolika.

(10) L-installazzjonijiet tal-awtokonsum, inklużi dawk għall-awtokonsumaturi li jaġixxu b'mod konġunt u bħala komunitajiet tal-enerġija lokali, jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-domanda ġenerali għall-gass naturali, għaż-żieda tar-reżiljenza tas-sistema u għall-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli. L-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari u tal-ħżin tal-enerġija kolokalizzat b'kapaċità ta' inqas minn 100 kW x'aktarx li ma jkollhiex effetti avversi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-grilja u ma tqajjimx tħassib dwar is-sikurezza. Barra minn hekk, l-installazzjonijiet żgħar ġeneralment ma jeħtiġux espansjoni tal-kapaċità fil-punt ta' konnessjoni mal-grilja. Sabiex jiġi aċċellerat ulterjorment l-użu ta' tagħmir solari fuq skala żgħira u ħżin tal-enerġija kolokalizzat, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrikjedu l-ebda permess amministrattiv għal dawn l-installazzjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, kif diġà huwa l-każ f'diversi Stati Membri. L-allinjament tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mal-aħjar prattiki eżistenti jenħtieġ li jippermetti aċċellerazzjoni ulterjuri tal-użu ta' dawn l-installazzjonijiet b'mod armonizzat. L-installazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija solari u ħżin tal-enerġija kolokalizzat ta' aktar minn 100 kW fi strutturi artifiċjali eżistenti jew futuri tipikament ma tqajjimx tħassib relatat ma' użi kompetittivi tal-ispazju jew mal-impatt ambjentali. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-installazzjonijiet jibbenefikaw minn proċeduri iqsar għall-ħruġ tal-permessi u

10 WindEurope, 2024 Statistics and the outlook for 2025-2030.

jkunu eżentati, b'salvagwardji xierqa, mill-obbligu li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

(11) L-enerġija rinnovabbli għandha rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni billi toffri soluzzjonijiet immedjati biex tissostitwixxi l-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u għaż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli ma tiġix imblukkata wisq faċilment minħabba s-sempliċi eżistenza ta' kwalunkwe tip ta' interess kunfliġġenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli u l-assi tal-infrastruttura bħal assi tal-ħżin kolokalizzati u awtonomi u l-grilja u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar relatati billi jespandu l-preżunzjoni eżistenti applikabbli għal kunflitti ma' interessi ambjentali għal kwalunkwe interess kunfliġġenti ieħor, ħlief fir-rigward tal-wirt kulturali u meta jkun evidenti li dawk l-interessi kunfliġġenti jridu jieħdu prijorità minkejja l-benefiċċji importanti tal-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li meta jkun preżunt li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jkunu ta' interess pubbliku prevalenti fuq interessi mhux ambjentali, dawn jingħataw prijorità u jiġu awtorizzati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata ta' din il-preżunzjoni konfutabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jitħallewx jintroduċu eċċezzjonijiet meta jittrattaw it-tipi kollha ta' kunflitti, inklużi dawk ambjentali.

(12) Sabiex jitħaffef il-varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, tal-assi relatati tagħhom u tal-konnessjoni tagħhom mal-grilja, huwa xieraq li jiġi speċifikat ukoll kif jistgħu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jifdal għall-applikazzjoni ta' derogi speċifiċi kif previst fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. B'mod partikolari, għall-finijiet tad-dritt ambjentali rilevanti tal-Unjoni, meta jiġi vvalutat jekk ikunx hemm soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għall-proġett speċifiku tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li l-ambitu ta' tali valutazzjoni jkun limitat għal soluzzjonijiet alternattivi li jiżguraw il-kisba tal-istess objettivi bħall-proġett inkwistjoni fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma jirriżulta f'kostijiet ogħla b'mod sinifikanti. Meta jqabblu l-perjodu ta' żmien u l-kost ta' soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jqisu l-ħtieġa li l-enerġija rinnovabbli tintuża b'mod aċċellerat u kosteffettiv f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom ippreżentati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-ħeffa mistennija biex jinkisbu dawk il-prijoritajiet. B'mod simili, meta tiġi applikata d-deroga rilevanti prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE,[13] huwa xieraq li l-awtoritajiet rilevanti jistgħu, f'xi każijiet ġustifikati fejn ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett rilevanti ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u tal-funzjonijiet tas-sit, li l-koerenza

---

[11] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/92/oj).

[12] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

ġenerali tan-network Natura 2000 ma tiġix kompromessa, li l-integrità ambjentali tas-sit tiġi ppreservata u li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-siti ta' Natura 2000, jippermettu li l-miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni ta' tali pjan jew proġett.

(13) L-aċċellerazzjoni tal-varar tal-ħżin tal-enerġija awtonomu hija kruċjali biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija u biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tas-sistema tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-ħżin awtonomu jibbenefika minn proċeduri aċċellerati għall-ħruġ tal-permessi. Il-ħżin tal-enerġija fuq skala żgħira b'kapaċità ta' inqas minn 100 kW x'aktarx li ma jkollux effetti avversi sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq il-grilja u ma huwiex mistenni li jqajjem tħassib relatat mal-użi kompetittivi tal-ispazju. Fid-dawl ta' dan, huwa xieraq li jiġu rrazzjonalizzati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għal dan it-tip ta' ħżin billi jiġu eliminati l-permessi amministrattivi kollha, bl-eċċezzjoni tal-permess għall-konnessjoni mal-grilja, u billi dawn l-installazzjonijiet jiġu eżentati, b'salvagwardji xierqa, mill-obbligu li jwettqu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE. Il-varar tal-ħżin tal-enerġija b'kapaċità ta' aktar minn 100 kW jeħtieġ li jiġi aċċellerat ukoll. Għalhekk, huwa xieraq li l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi tagħhom tiġi rrazzjonalizzata billi tiġi stabbilita skadenza ġenerali massima ta' 6 xhur, ħlief għall-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, li jrid jikkonforma ma' rekwiżiti ambjentali aktar stretti u, għalhekk, jirrikjedi skadenza ġenerali massima itwal. Sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni tas-sistema tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, huwa neċessarju li jiżdiedu s-sorsi ta' flessibbiltà, b'mod partikolari l-batteriji tal-vetturi elettriċi, peress li dawn jistgħu jikkontribwixxu biex tinbidel id-domanda massima għall-elettriku u titnaqqas il-konġestjoni tal-grilja. Sabiex jinkiseb dan, jenħtieġ li jiġi promoss aktar varar aktar rapidu u aktar faċli tal-infrastruttura tal-irriċarġjar tat-triq, b'mod partikolari li tkopri l-karozzi, il-vannijiet, it-trakkijiet, il-karozzi tal-linaj jew il-muturi, u l-vetturi ibridi plug-in jew elettriċi puri. Jenħtieġ li kemm l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar b'kurrent alternat kif ukoll dawk b'kurrent dirett jibbenefikaw minn proċeduri aċċellerati għall-ħruġ tal-permessi, inkluż għall-permessi għall-konnessjoni mal-grilja. Stazzjonijiet żgħar tal-irriċarġjar b'kapaċità ta' inqas minn 100 kW x'aktarx li ma jkollhomx effetti avversi sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq il-grilja u ma humiex mistennija jqajmu tħassib relatat mal-użi kompetittivi tal-ispazju. Fid-dawl ta' dan, huwa xieraq li jiġu rrazzjonalizzati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi applikabbli għal dawn l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar billi jiġu eliminati l-permessi amministrattivi kollha, bl-eċċezzjoni tal-permess għall-konnessjoni mal-grilja, u billi dawn l-installazzjonijiet jiġu eżentati, b'salvagwardji xierqa, mill-obbligu li jwettqu valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE. L-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'kapaċità ta' aktar minn 100 kW jeħtieġ li tiġi aċċellerata wkoll. Għalhekk, huwa xieraq li l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi tagħhom tiġi rrazzjonalizzata billi tiġi stabbilita skadenza ġenerali massima ta' 6 xhur.

(14) Il-kisba ta' permessi għall-konnessjoni mal-grilja hija parti kruċjali u spiss tieħu ħafna ħin mill-proċeduri biex tinbena u titħaddem installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu rrazzjonalizzati aktar l-iskadenzi applikabbli għall-proċeduri għall-konnessjoni mal-grilja applikabbli għal ċerti proġetti tal-enerġija rinnovabbli, assi tal-ħżin u stazzjonijiet tal-irriċarġjar fuq skala żgħira, u għar-repowering u għall-ibridizzazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli, u li jiġu introdotti regoli ċari dwar l-obbligi tal-operaturi tas-sistema matul il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi.

(15) Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli[14] jirrikonoxxu l-impatt pożittiv tar-riformi reċenti biex jitħaffu l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Madankollu, dawn jenfasizzaw ukoll proċeduri li jieħdu fit-tul u inċerti għall-ħruġ tal-permessi għall-grilji bħala ostaklu kbir għall-installazzjoni aktar rapida tal-kapaċità ġdida neċessarja biex jiġu akkomodati l-investimenti fl-enerġija nadifa u jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija fl-UE. Filwaqt li hemm regoli speċifiċi dwar il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi skont id-Direttiva (UE) 2018/2001, id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] u r-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], dawn ir-reġimi ma jkoprux l-assi ġenerali tal-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku. B'hekk, ir-rekwiżiti ġenerali dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku jridu jiġu pprovduti fid-Direttiva (UE) 2019/944, speċifikament fil-forma ta' rekwiżiti għall-Istati Membri biex jiżguraw durata massima ta' tali proċeduri u jistabbilixxu rekwiżiti li jappoġġaw l-issodisfar ta' dawk l-iskadenzi. Ir-Regolament (UE) 2022/869 u d-Direttiva (UE) 2018/2001 fihom regoli għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti proġetti tal-enerġija. F'każ ta' kontradizzjoni bejn dawk ir-regoli u r-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva għall-awtorizzazzjoni ta' ċerti proġetti tal-elettriku, dawk tal-ewwel għandhom jieħdu preċedenza.

(16) In-nuqqas ta' riżorsi fl-awtoritajiet nazzjonali u n-nuqqas tad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi jirriżultaw f'dewmien fil-ħruġ tal-permessi għall-infrastruttura u għall-assi tal-ġenerazzjoni tas-sistema tal-elettriku. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali awtoritajiet ikollhom riżorsi finanzjarji u tekniċi umani adegwati, inklużi ħiliet, u għodod u sistemi ta' ġestjoni diġitali li jippermettulhom jieħdu deċiżjonijiet sal-iskadenzi previsti fid-Direttiva.

(17) Jenħtieġ li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944 ikunu ċari, effiċjenti u trasparenti u konsistenti mat-twettiq tal-pjan eżistenti għall-iżvilupp tan-network ta' distribuzzjoni u tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ta' trażmissjoni. Għalhekk, l-Istati Membri huma mistennija jistabbilixxu u jippubblikaw kriterji u proċeduri oġġettivi u nondiskriminatorji għall-awtorizzazzjoni li jqisu, fost affarijiet oħra, is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistema tal-elettriku, l-użu tal-art, l-effiċjenza enerġetika, il-karatteristiċi partikolari għall-applikant għall-permess, it-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-importanza li jiġi aċċellerat il-varar tal-infrastruttura tal-enerġija biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, u alternattivi għall-proġett.

(18) Minħabba l-urġenza li jiġu żviluppati infrastrutturi tal-elettriku, l-Istati Membri huma mistennija jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jqisu l-karatteristiċi ta' proġett meta jivvalutaw il-ħtieġa, jew in-nuqqas tagħha, li jwettqu valutazzjonijiet, inklużi valutazzjonijiet ambjentali, jew jipproduċu studji, awtorizzazzjonijiet jew rapporti.

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha (COM/2025/79 final).

[15] Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj).

[16] Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/869/oj).

Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jillimitaw il-valutazzjonijiet u t-talbiet għal informazzjoni mill-promoturi għal dak li jkun strettament neċessarju u jevitaw id-duplikazzjoni f'kull każ possibbli.

(19) Sabiex jiżdiedu l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza rigward id-durata u l-kostijiet tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/944, jenħtieġ li t-talbiet għal informazzjoni u għal dokumentazzjoni mill-applikanti jkunu konkreti, speċifiċi u limitati fiż-żmien. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jitolbu l-informazzjoni rilevanti biex joħorġu l-permess mill-applikanti f'perjodu speċifikat minn qabel li jibda minn meta tasal l-applikazzjoni u jiddeterminaw b'mod konkret il-kontenut u d-dettall ta' kwalunkwe informazzjoni jew data mitluba. Jenħtieġ li wara dan il-perjodu, it-talbiet għal informazzjoni jkunu limitati għal informazzjoni nieqsa li kienet ġiet identifikata jew mitluba qabel mill-awtorità, jew informazzjoni li ma setgħetx tintalab qabel minħabba l-fatt li hija relatata ma' bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li sseħħ wara li l-proġett ikun applika għal awtorizzazzjoni.

(20) Filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kompetenzi u l-proċeduri nazzjonali, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/944 tistabbilixxi terminu ċar għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet rilevanti li jistimula definizzjoni u trattament effiċjenti tal-proċeduri li jwassal għall-varar tal-grilji tal-elettriku. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistinkaw biex jiksbu proċeduri iqsar għall-ħruġ tal-permessi fejn fattibbli, speċjalment fir-rigward ta' proġetti għar-rinnovazzjoni, għall-modernizzazzjoni jew għar-repowering tal-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni eżistenti u għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tas-sistema tad-distribuzzjoni, li tista' ma tkunx teħtieġ proċedura kumplessa għall-ħruġ tal-permessi daqs infrastruttura ġdida tat-trażmissjoni.

(21) F'konformità mal-urġenza tal-varar tal-grilji tal-elettriku biex jinkisbu l-għanijiet tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima u li l-iskadenzi għall-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi jiġu akkumpanjati minn miżuri li jiżguraw l-effettività tagħhom fil-prattika, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, f'ġuriżdizzjonijiet fejn jeżisti l-kunċett ta' approvazzjoni taċita skont id-dritt nazzjonali, dan jiġi applikat għal deċiżjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw proġetti tal-grilja tal-elettriku, bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet ambjentali. Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet ta' partijiet terzi għall-protezzjoni ġudizzjarja, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jippubblikaw id-deċiżjonijiet kollha adottati, inklużi dawk li ġew adottati b'mod taċitu.

(22) Sabiex titnaqqas il-kumplessità, jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza, u tingħata għajnuna biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jkun hemm punti ta' kuntatt għall-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-elettriku li jippromwovu proġett tal-grilji jew assi oħra tan-network sakemm tittieħed deċiżjoni. Dawn il-punti ta' kuntatt se jkunu responsabbli biex jiffaċilitaw u jiggwidaw lill-applikanti fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni assoċjati ma' dan it-tip ta' infrastruttura. Fl-ispirtu ta' simplifikazzjoni, jekk l-Istat Membru jqis dan xieraq u aktar effiċjenti, jista' jikkonċentra din ir-responsabbiltà fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/869, peress li dawn l-awtoritajiet diġà jwettqu tali rwol f'dak li jikkonċerna l-ħruġ tal-permessi għal proġetti ta' infrastruttura ta' interess komuni u għal proġetti ta' interess reċiproku. Meta jgħaqqdu tali rwoli flimkien, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw li l-punti ta' kuntatt ikollhom numru adegwat ta' membri tal-persunal u jgawdu mir-riżorsi u mill-kapaċità neċessarji biex iwettqu l-kompiti taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(23) Minħabba r-rwol tagħha fl-integrazzjoni tal-assi tal-enerġija rinnovabbli, tas-soluzzjonijiet ta' flessibbiltà, tal-ħżin tal-enerġija u tal-iffaċilitar tal-elettrifikazzjoni b'mod ġenerali, l-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-elettriku hija essenzjali biex tintlaħaq in-newtralità klimatika. Meta jitqies ir-rwol ewlieni tal-infrastruttura tas-sistema tal-elettriku biex tintlaħaq in-newtralità klimatika, fil-valutazzjonijiet każ b'każ neċessarji, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżumu li l-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-elettriku, inkluża l-provvista tal-enerġija fuq l-art fil-portijiet, tkun ta' interess pubbliku prevalenti u taqdi s-saħħa u s-sikurezza pubbliċi, ħlief fir-rigward tal-wirt kulturali u fejn ikun hemm evidenza ċara li dawk il-proġetti jkollhom effetti avversi sinifikanti fuq l-ambjent li ma jistgħux jiġu mmitigati jew ikkumpensati. Jenħtieġ li l-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni tal-elettriku preżunta li tkun ta' interess pubbliku prevalenti fuq interessi mhux ambjentali tingħata prijorità fuq interessi mhux ambjentali u tiġi awtorizzata malajr kemm jista' jkun.

(24) Sabiex jitħaffef il-varar tal-grilji tal-elettriku, huwa xieraq li jiġi speċifikat kif jistgħu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' derogi speċifiċi kif previst fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. B'mod partikolari, meta jiġi vvalutat jekk hemmx soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għall-proġett tal-grilja tal-elettriku, jenħtieġ li l-ambitu ta' tali valutazzjoni jkun limitat għal soluzzjonijiet alternattivi li jiżguraw il-kisba tal-istess objettiv fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma jirriżulta f'kostijiet ogħla b'mod sinifikanti. Meta jqabblu l-perjodu ta' żmien u l-kost ta' soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti, l-awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa li l-grilji jintużaw b'mod aċċellerat u kosteffettiv f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti tagħhom ippreżentati skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. B'mod simili, meta tiġi applikata d-deroga rilevanti prevista fid-Direttiva 92/43/KEE, huwa xieraq li l-awtoritajiet rilevanti jistgħu, f'xi każijiet ġustifikati fejn ikun jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett rilevanti ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u tal-funzjonijiet tas-sit, li l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 ma tiġix kompromessa, li l-integrità ambjentali tas-sit tiġi ppreservata u li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-siti ta' Natura 2000, jippermettu li l-miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-pjan u tal-proġett.

(25) Minħabba l-urġenza tal-varar tal-infrastruttura tal-enerġija, l-importanza tar-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u l-fatt li l-valutazzjonijiet ambjentali jirrappreżentaw il-pass bl-itwal durata fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, huwa importanti li tali valutazzjonijiet jiġu minimizzati mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni tal-ambjent. Ir-rinnovazzjoni, il-modernizzazzjoni jew ir-repowering tal-infrastruttura eżistenti tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tas-sistema tad-distribuzzjoni, huma proġetti li ġeneralment jinvolvu impatti ambjentali minimi. Il-proġetti ta' rinnovazzjoni, ta' modernizzazzjoni jew ta' repowering ta' spiss ikunu ta' daqs limitat u jaffettwaw biss parti mill-assi eżistenti li għalihom l-impatti ambjentali jkunu ġew ivvalutati qabel. B'riżultat ta' dan, l-impatti ta' tali proġetti spiss ikunu limitati għal dawk ta' xogħlijiet tal-kostruzzjoni, bl-operazzjoni tal-assi jkollha l-istess impatt, jew saħansitra impatt inqas, mill-operazzjoni tal-proġett li jkun immira. Min-naħa l-oħra, is-sistemi tad-distribuzzjoni, minħabba d-daqs iżgħar tal-proġetti tagħhom, il-vultaġġ aktar baxx tal-assi tagħhom u t-tendenza li jiġu żviluppati f'żoni mibnija eqreb lejn il-konsumaturi għandhom it-tendenza li ma jkollhomx impatti ambjentali sinifikanti. B'hekk, biex jitħaffef il-varar tal-infrastruttura tas-sistema tal-elettriku u jintlaħqu l-miri tan-newtralità klimatika u

tal-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jeżentaw b'mod ġustifikabbli, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-proġetti msemmija f'din il-premessa minn valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet xierqa u l-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-protezzjoni tal-ispeċijiet skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 92/43/KEE[17] u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE[18].

(26) Il-benefiċċji tal-użu tal-infrastruttura tal-elettriku f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nitroġenu jaqbżu sew il-kost tal-emissjonijiet minimi li jirriżultaw mill-kostruzzjoni tagħhom. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-varar rapidu tal-infrastruttura tal-elettriku bl-ebda mod ma jkun limitat mill-emissjonijiet temporanji li jirriżultaw mill-kostruzzjoni tagħhom.

(27) L-ippjanar tan-network nazzjonali tat-trażmissjoni li jirrifletti l-iżviluppi fil-politika dwar il-klima u l-enerġija u l-bidliet relatati fil-konsum u fil-ġenerazzjoni huwa kritiku għas-suċċess tal-elettrifikazzjoni u tat-tranżizzjoni tal-enerġija kollha kemm hi. Madankollu, ir-rekwiżiti eżistenti skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944 kienu japplikaw biss għal ċerti operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni u ma pprevedewx perjodu twil biżżejjed ta' ppjanar biex jitqies l-investiment antiċipatorju. Huwa importanti li l-espansjoni tas-sistema tat-trażmissjoni tqis il-perjodu ta' żmien ta' mill-inqas 15-il sena, u tqis bi prijorità l-użu ta' flessibbiltà mhux fossili, ta' soluzzjonijiet mingħajr fili u ta' alternattivi oħra għall-espansjoni tas-sistema, tkun ibbażata fuq xenarju konġunt żviluppat ma' operaturi oħra tas-sistema fis-setturi kollha u tkun allinjata max-xenarju ċentrali skont il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u jiġu inkorporati aħjar l-utenti tal-grilja, inklużi s-setturi tal-ġenerazzjoni, tal-industrija, tad-data u tat-trasport fl-ippjanar tan-network, ir-rabta mal-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tirrikjedi wkoll il-konsultazzjoni bikrija tagħhom matul il-proċess konġunt tal-iżvilupp tax-xenarju biex ikun jista' jsir investiment antiċipatorju.

(28) Fid-dawl tal-emendi tad-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944, kif ukoll l-emendi paralleli tar-Regolament (UE) 2022/869, jenħtieġ li l-Kummissjoni tintroduċi approċċ unifikat għall-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija. Filwaqt li d-Direttiva (UE) 2024/1788 tintroduċi miżuri biex tissimplifika u tirrazzjonalizza l-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ tal-permessi, hija meħtieġa emenda mmirata biex jiġi żgurat approċċ armonizzat u li jintuża qafas konsistenti fil-livell tal-Unjoni.

(29) In-nuqqas ta' riżorsi fl-awtoritajiet nazzjonali u d-diġitalizzazzjoni limitata tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi jirriżultaw f'dewmien fil-ħruġ tal-permessi għall-faċilitajiet tal-gass naturali, għall-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu, u għall-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali awtoritajiet ikollhom riżorsi finanzjarji u tekniċi umani adegwati, inklużi ħiliet u għodod u sistemi ta' ġestjoni diġitali li jippermettulhom jieħdu deċiżjonijiet sal-iskadenzi previsti fid-Direttiva.

(30) Sabiex jiżdiedu l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza rigward id-durata u l-kostijiet tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2024/1788, jenħtieġ li t-talbiet għal

---

17 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj).

18 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj).

informazzjoni u għal dokumentazzjoni mill-applikanti jkunu konkreti, speċifiċi u limitati fiż-żmien. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jitolbu l-informazzjoni rilevanti biex joħorġu l-permess mill-applikanti f'perjodu speċifikat minn qabel li jibda minn meta tasal l-applikazzjoni u jiddeterminaw b'mod konkret il-kontenut u d-dettall ta' kwalunkwe informazzjoni jew data mitluba. Jenħtieġ li wara dan il-perjodu, it-talbiet għal informazzjoni jkunu limitati għal informazzjoni nieqsa li kienet ġiet identifikata jew mitluba qabel mill-awtorità, jew informazzjoni li ma setgħetx tintalab qabel minħabba l-fatt li hija relatata ma' bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li sseħħ wara li l-proġett ikun applika għal awtorizzazzjoni.

(31) Fir-rigward tal-proċeduri ta' approvazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2024/1788, f'konformità mal-importanza li jiġi żgurat il-varar rapidu tal-faċilitajiet tal-idroġenu u tal-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu u l-issodisfar tal-iskadenzi stabbiliti f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li, f'ġuriżdizzjonijiet fejn il-kunċett ta' approvazzjoni taċita jeżisti skont id-dritt nazzjonali, dan jiġi applikat għal deċiżjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw tali proġetti, ħlief għal deċiżjonijiet ambjentali. Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet ta' partijiet terzi għall-protezzjoni ġudizzjarja, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jippubblikaw id-deċiżjonijiet kollha adottati, inklużi dawk li ġew adottati b'mod taċitu.

(32) Fl-ispirtu tas-simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jqisu xieraq u aktar effiċjenti li jiċċentralizzaw ir-rwol ta' punt uniku ta' kuntatt skont l-obbligu tad-Direttiva (UE) 2024/1788 fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/869, peress li dawn l-awtoritajiet diġà jwettqu tali rwol f'dak li jikkonċerna l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura ta' interess komuni u għall-proġetti ta' interess reċiproku. Meta jagħżlu li jgħaqqdu tali rwoli, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari biex jiżguraw li l-punti ta' kuntatt ikollhom numru adegwat ta' membri tal-persunal u jgawdu mir-riżorsi u mill-kapaċità neċessarji biex iwettqu l-kompiti taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(33) Biex itejbu l-effiċjenza, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà ta' pjattaformi diġitali li jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi tad-Direttiva (UE) 2018/2001**

Id-Direttiva (UE) 2018/2001 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, jiddaħħlu l-punti (10a) sa (10f) li ġejjin:

(10b) "ħżin tal-enerġija awtonomu" tfisser ħżin tal-enerġija li ma jkunx ikkombinat ma' faċilità li tipproduċi l-enerġija;

(10c) "stazzjon tal-irriċarġjar" tfisser stazzjon tal-irriċarġjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (52), tar-Regolament (UE) 2023/1804;

(10d) "ibridizzazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' impjant tal-enerġija rinnovabbli li ma huwiex impjant ibridu f'impjant ibridu wara l-istess punt ta' konnessjoni;

(10e) "impjant ibridu" tfisser impjant tal-enerġija rinnovabbli li jikkombina diversi teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, jew li jikkombina teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli waħda jew aktar mal-ħżin tal-enerġija;

(10f) "proċedura għall-ħruġ ta' permess għall-konnessjoni mal-grilja" tfisser il-proċedura mit-talba kompluta tal-iżviluppatur tal-proġett għal konnessjoni mal-grilja sad-deċiżjoni tal-operatur tas-sistema dwar jekk il-proġett jistax jiġi konness mal-grilja;

(2) fl-Artikolu 15c, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ma jiddeżinjawx żoni kbar fejn l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli u tal-infrastruttura relatata tagħhom tkun legalment jew *de facto* ristretta minħabba raġunijiet ambjentali, inkluża l-protezzjoni tal-pajsaġġ, sakemm ma jkunux jistgħu juru li dawk it-tipi ta' impjanti u l-infrastruttura relatata tagħhom jirriżultaw fi ħsara irriversibbli fiż-żona li ma tistax tiġi mmitigata jew ikkumpensata matul il-valutazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2011/92/UE u, fejn rilevanti, il-valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE";

(3) fl-Artikolu 15d, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li sehem mill-benefiċċji tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità installata ta' aktar minn 10 MW jingħadda, direttament jew indirettament, liċ-ċittadini u lill-komunitajiet lokali qrib dawk il-proġetti.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw u jiffinanzjaw faċilitatur indipendenti biex jippromwovi d-djalogu bejn l-iżviluppatur tal-proġett u l-pubbliku ġenerali għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'kapaċità installata ta' aktar minn 10 MW. Il-faċilitatur għandu jintervjeni biss fuq talba minn kwalunkwe waħda mill-partijiet rilevanti u għandu:

(a) jiffaċilita l-konsultazzjonijiet pubbliċi, kif ikun neċessarju, inklużi konsultazzjonijiet bikrija matul il-fażi qabel l-applikazzjoni għall-permess;

(b) jimpenja ruħu biex isibu soluzzjonijiet biex jindirizzaw it-tħassib potenzjali mqajjem mill-komunitajiet lokali.

(c) jiżgura appoġġ u trasparenza fl-għażla tat-tip ta' miżura ta' kondiviżjoni tal-benefiċċji, fejn rilevanti.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu tariffa, imħallsa mill-iżviluppaturi tal-proġetti, biex jiffinanzjaw is-servizzi tal-faċilitatur.";

(4) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, titħassar is-sentenza li ġejja:

"L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jissottomettu dokumenti rilevanti f'forma diġitali."

(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu portal diġitali uniku fil-livell nazzjonali għall-passi kollha tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-ħżin u tal-grilja.

L-applikanti għandhom jissottomettu l-applikazzjonijiet għall-permessi u d-dokumenti rilevanti kollha meħtieġa għall-proċedura għall-ħruġ tal-permessi permezz tal-portal diġitali uniku biss. Il-portal diġitali uniku għandu jawtomatizza l-attribuzzjoni tal-applikazzjonijiet għall-permessi lill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet u d-dokumenti rilevanti f'forma elettronika u jinteraġixxu mal-applikanti direttament fil-portal diġitali uniku.

Il-portal diġitali uniku għandu jinkludi karatteristiċi li jippermettu lill-applikant jiġi infurmat dwar il-passi kollha tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi, l-istatus tal-proċedura u tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet rilevanti, u jivverifika l-konformità mal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-portal diġitali uniku għandu jiżgura aċċess għad-data u għad-deċiżjonijiet ambjentali u ġeoloġiċi rilevanti disponibbli fil-portal uniku diġitali bbażat fuq is-sistema ta' informazzjoni ġeografika msemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament [xxxxx] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-portal diġitali uniku għandu jippubblika data statistika annwali dwar id-durata tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, li tidentifika b'mod ċar il-passi differenti tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi u d-durata tagħhom. Din id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.

Il-punt jew il-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fil-paragrafu 3 għandu jkollhom aċċess għad-data u għall-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli fil-portal, sabiex iwettqu dmirijiethom.

(5) L-Artikolu 16b huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, titħassar is-sentenza li ġejja:

"Meta l-proġett tal-enerġija rinnovabbli speċifiċi jkun adotta miżuri meħtieġa ta' mitigazzjoni, kwalunkwe qtil jew tfixkil tal-ispeċijiet protetti skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE ma għandux jitqies li jkun intenzjonat"

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fil-proċedura għall-ħruġ tal-permessi msemmija fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet jew mill-entitajiet kompetenti rilevanti sal-iskadenza stabbilita jirriżulta fil-passi speċifiċi li jridu jitqiesu bħala approvati, ħlief għad-deċiżjonijiet ambjentali u għall-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, jew meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fis-sistema legali nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku, inklużi d-deċiżjonijiet finali mogħtija b'mod taċitu.";

(6) L-Artikolu 16c huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 1;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2b li ġej:

"2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bidla fl-istatus tal-art fejn titqiegħed installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ma twaqqafx lil dik l-installazzjoni milli tiġi repowered.";

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Meta r-repowering tal-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ iżid il-kapaċità totali tal-installazzjoni mingħajr ma juża superfiċje tal-art addizzjonali u jikkonforma mal-miżuri ta' mitigazzjoni ambjentali applikabbli stabbiliti għall-installazzjoni oriġinali tal-enerġija mir-riħ, il-proġett għandu jkun eżentat minn kwalunkwe rekwiżit applikabbli biex jitwettaq proċess ta' skrinjar skont l-Artikolu 16a(4), biex jiġi ddeterminat jekk il-proġett jirrikjedix valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/92/UE jew l-Artikolu 5 tar-Regolament [xxxxx] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew biex titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/92/UE.";

(7) L-Artikolu 16d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura għall-ħruġ tal-permessi msemmija fl-Artikolu 16(1) għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari u l-ħżin tal-enerġija kolokalizzat b'kapaċità installata totali ta' aktar minn 100 kW fi strutturi artifiċjali eżistenti jew futuri, bl-esklużjoni tal-uċuħ tal-ilma artifiċjali, ma għandhiex taqbeż it-3 xhur, dment li l-għan primarju ta' tali strutturi artifiċjali ma jkunx il-produzzjoni tal-enerġija solari jew il-ħżin tal-enerġija. B'deroga mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/92/UE u l-Anness II, il-punti 3(a) u (b), waħedhom jew flimkien mal-punt 13(a), ta' dik id-Direttiva, l-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari u l-ħżin tal-enerġija kolokalizzat imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżit, fejn applikabbli, li jwettqu valutazzjoni tal-impatt ambjentali ddedikata skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92/UE."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri ma għandhom jirrikjedu l-ebda permess amministrattiv, inkluż dwar l-aspetti ambjentali, bl-eċċezzjoni tal-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari u tal-ħżin tal-enerġija kolokalizzat b'kapaċità installata totali ta' 100 kW jew inqas. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu f'żoni ta' Natura 2000 u f'żoni oħra taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali u żoni protetti ta' wirt kulturali jew storiku";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. L-Istati Membri jistgħu jeskludu ċerti żoni mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għall-fini tal-protezzjoni tal-wirt kulturali, storiku, tal-interessi tad-difiża nazzjonali, jew għal raġunijiet ta' sikurezza jew ta' sigurtà tal-grilja.

4. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jaffettwaw l-installazzjoni ta' sistemi plug-in solari żgħar sa kapaċità ta' 800 W fil-bini u fuqu.";

(8) L-Artikolu 16f huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-aħħar żewġ sentenzi;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Sakemm tinkiseb in-newtralità klimatika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-proċedura għall-ħruġ tal-permessi, l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni ta' impjanti u ta' installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-konnessjoni tagħhom mal-grilja, il-grilja relatata nnifisha, l-assi tal-ħżin u l-

istazzjonijiet tal-irriċarġjar ikunu preżunti li huma fl-interess pubbliku prevalenti u, f'każ bħal dan, jingħataw prijorità meta jiġu bbilanċjati interessi legali għajr dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni għall-fini tal-protezzjoni tal-wirt kulturali abbażi ta' kriterji legali biex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata.";

(9) jiddaħħlu l-Artikoli 16g sa 16k li ġejjin:

"Artikolu 16g

**Assenza ta' soluzzjonijiet alternattivi jew sodisfaċenti u implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE**

1. Meta jiġi vvalutat jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għall-proġetti tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli, għall-konnessjoni ta' tali impjanti mal-grilja, għall-grilja relatata nnifisha u għall-assi tal-ħżin għall-finijiet tal-Artikoli 6(4) u 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, il-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti għandha tintlaħaq jekk ma jkun hemm l-ebda soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti li kapaċi tilħaq l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-istess teknoloġija tal-enerġija fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma tirriżulta f'kostijiet ogħla b'mod sinifikanti.

2. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli, il-konnessjoni ta' dawn tali impjanti mal-grilja, il-grilja relatata nnifisha u l-assi tal-ħżin, għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu, f'każijiet ġustifikati u meta jkun jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u tal-funzjonijiet tas-sit u jikkomprometti l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti miżuri ta' kumpens, jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri għandhom jippermettu li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil.

Artikolu 16h

**Proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-ħżin tal-enerġija awtonomu għajr għall-ħżin tal-idroġenu**

1. Il-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-ħżin tal-enerġija awtonomu, għajr il-ħżin tal-idroġenu, għandha tkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-bini, għar-repowering u għall-operazzjoni tal-ħżin awtonomu, inklużi l-permessi għall-konnessjoni mal-grilja u, fejn meħtieġ, il-valutazzjonijiet u l-permessi ambjentali. Il-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għandha tinkludi l-istadji amministrattivi kollha mir-rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni għall-permess għan-notifika tad-deċiżjoni finali dwar l-eżitu tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi applikazzjoni għal permess, l-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi l-kompletezza tal-applikazzjoni jew, jekk l-applikant ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, titlob lill-applikant jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed. Id-data ta' rikonoxximent tal-

kompletezza tal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi.

2. L-Istati Membri ma għandhom jirrikjedu l-ebda permess amministrattiv, inklużi dawk ambjentali, bl-eċċezzjoni tal-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, għall-installazzjoni tal-ħżin awtonomu, għajr il-ħżin tal-idroġenu, b'kapaċità installata totali ta' 100 kW jew inqas. B'deroga mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92/UE, l-installazzjoni ta' dak il-ħżin għandha tkun eżentata mir-rekwiżit applikabbli skont l-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva, biex titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali ddedikata. L-Istati Membri għandhom jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu f'żoni ta' Natura 2000 u f'żoni oħra taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali u f'żoni protetti ta' wirt kulturali jew storiku.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, inklużi l-permessi għall-konnessjoni mal-grilja u, fejn meħtieġ, il-valutazzjonijiet ambjentali, ma għandhomx jaqbżu s-6 xhur għall-ħżin tal-enerġija awtonomu, għajr il-ħżin tal-idroġenu, b'kapaċità installata totali ta' aktar minn 100 kW. Madankollu, fil-każ tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, il-proċedura għall-ħruġ tal-permessi ma għandhiex taqbeż is-sentejn.

Artikolu 16i

**Proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar**

1. Il-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għandha tkopri l-permessi amministrattivi rilevanti kollha għall-bini, ir-repowering u l-operazzjoni tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar inklużi l-permessi għall-konnessjoni mal-grilja u, fejn meħtieġ, il-valutazzjonijiet u l-permessi ambjentali. Il-proċedura għall-ħruġ tal-permessi għandha tinkludi l-istadji amministrattivi kollha mir-rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni għall-permess għan-notifika tad-deċiżjoni finali dwar l-eżitu tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi mill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi applikazzjoni għal permess, l-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi l-kompletezza tal-applikazzjoni jew, jekk l-applikant ma jkunx bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ipproċessar tal-applikazzjoni, titlob lill-applikant jissottometti applikazzjoni kompluta mingħajr dewmien żejjed. Id-data ta' rikonoxximent tal-kompletezza tal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura għall-ħruġ tal-permessi.

2. L-Istati Membri ma għandhom jirrikjedu l-ebda permess amministrattiv, inkluż dwar l-aspetti ambjentali, bl-eċċezzjoni tal-permessi għall-konnessjoni mal-grilja, għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'kapaċità installata totali ta' 100 kW jew inqas. B'deroga mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92/UE, l-installazzjoni ta' dawk l-istazzjonijiet għandha tkun eżentata mir-rekwiżit, fejn applikabbli skont l-Artikolu 2(1) ta' dik id-Direttiva, li titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali ddedikata. L-Istati Membri għandhom jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu f'żoni ta' Natura 2000 u f'żoni oħra taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali u f'żoni protetti ta' wirt kulturali jew storiku.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, inkluż il-permessi tal-konnessjoni mal-grilja u, fejn meħtieġ, il-valutazzjonijiet ambjentali, ma

għandhomx jaqbżu s-6 xhur għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar b'kapaċità installata totali ta' aktar minn 100 kW.

Artikolu 16j

**Proċedura għall-ħruġ tal-permessi għall-ibridizzazzjoni tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli**

1. Meta l-ibridizzazzjoni ta' impjant tal-enerġija rinnovabbli tkun soġġetta għal proċess ta' skrinjar skont l-Artikolu 16a(4), għal determinazzjoni dwar jekk il-proġett jirrikjedix valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2011/92/UE, tali proċess ta' skrinjar, determinazzjoni jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandhom ikunu limitati għall-impatt potenzjali li jirriżulta miż-żieda meta mqabbla mal-proġett oriġinali.

2. F'każijiet ta' bidla fl-istatus tal-użu tal-art li fuqha jiġu installati proġetti tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjoni u l-ibridizzazzjoni ta' dawk il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli xorta jistgħu jseħħu.";

(10) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 17

**Proċeduri għal permessi għall-konnessjoni mal-grilja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għal permess għall-konnessjoni mal-grilja ma jaqbżux:

   (a) ix-xahar għat-tagħmir tal-enerġija solari u l-ħżin tal-enerġija kolokalizzat imsemmija fl-Artikoli 16d (2), il-ħżin tal-enerġija awtonomu msemmi fl-Artikolu 16h(2), u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar imsemmija fl-Artikolu 16i(2);

   (b) it-3 xhur għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-enerġija solari u l-ħżin tal-enerġija kolokalizzat imsemmija fl-Artikolu 16d(1), u r-repowering jew l-ibridizzazzjoni tal-impjanti eżistenti tal-enerġija rinnovabbli msemmija fl-Artikoli 16c u 16j, sakemm ma jkunx hemm tħassib ġustifikat dwar is-sikurezza jew ma jkunx hemm inkompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema jew, jekk minħabba d-daqs taż-żieda fil-kapaċità, ikun meħtieġ aktar żmien biex titwettaq il-valutazzjoni.

2. Fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 16a(1), fl-Artikolu 16b(1), u fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-operatur tas-sistema għandu jagħżel waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) meta jkun hemm kapaċità suffiċjenti u l-konnessjoni mitluba ma taffettwax l-istabbiltà, l-affidabbiltà u s-sikurezza tal-grilja, taċċetta l-konnessjoni mal-grilja mitluba u tagħti l-konnessjoni,

   (b) meta ma jkunx hemm biżżejjed kapaċità tal-grilja, tipproponi, fejn ikun teknikament possibbli, ftehim ta' konnessjoni flessibbli f'konformità mal-Artikolu 6a tad-Direttiva (UE) 2019/944.

3. Meta proposta għal ftehim imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), tiġi rrifjutata mill-iżviluppatur tal-proġett, l-operatur tas-sistema għandu, għal raġunijiet ġustifikati ta' tħassib dwar is-sikurezza jew ta' inkompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema, jipproponi punt alternattiv ta' konnessjoni mal-grilja, data proviżorja alternattiva għall-konnessjoni mal-grilja, jew, jekk ma jkunx possibbli, jirrifjuta t-talba għall-konnessjoni.

4. In-nuqqas ta' tweġiba mill-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jwassal biex il-permess tal-konnessjoni jitqies bħala mogħti, dment li l-kapaċità tat-tagħmir tal-enerġija solari, tal-ħżin tal-enerġija jew tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar ma taqbiżx il-kapaċità eżistenti disponibbli tal-konnessjoni mal-grilja tad-distribuzzjoni.".

*Artikolu 2*

**Emendi tad-Direttiva (UE) 2019/944**

Id-Direttiva (UE) 2019/944 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

**Proċedura ta' awtorizzazzjoni**

1. F'ċirkostanzi fejn awtorizzazzjoni, bħal liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni, tkun meħtieġa għall-kostruzzjoni jew għall-operat ta' infrastruttura ta' sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni għall-elettriku, jew tagħmir assoċjat, jew għall-kostruzzjoni ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida, l-Istat Membru, jew kwalunkwe awtorità kompetenti li jinnomina, għandha tagħti tali awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafi 2 sa 14. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li jiddeżinjaw jistgħu wkoll jagħtu awtorizzazzjonijiet fuq l-istess bażi għall-provvista tal-elettriku u għall-klijenti bl-ingrossa.

2. L-Istati Membri li jimplimentaw sistema ta' awtorizzazzjoni għandhom:

(a) jistabbilixxu kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, flimkien ma' proċeduri trasparenti, li jridu jiġu ssodisfati minn kwalunkwe impriża li tkun qed tfittex awtorizzazzjoni biex tibni u/jew topera kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni, kif ukoll infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni.

(b) jippubblikaw il-kriterji u l-proċeduri għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet;

(c) jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal tali kapaċità ta' ġenerazzjoni, u infrastruttura, jew tagħmir assoċjat, iqisu l-importanza tal-proġett għas-swieq interni għall-elettriku u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, fejn xieraq;

(d) jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jqisu n-neċessità, jew in-nuqqas tagħha, tat-twettiq ta' valutazzjonijiet f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill

92/43/KEE[19] u mad-Direttivi 2000/60/KE[20], 2001/42/KE[21], 2009/147/KE[22], u mad-Direttiva 2011/92/UE[23];

(e) jiżguraw l-eżistenza ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni speċifiċi, simplifikati u razzjonalizzati għal infrastruttura tas-sistema tal-ġenerazzjoni u tad-distribuzzjoni deċentralizzata u/jew distribwita żgħira, b'kont meħud tad-daqs limitat u tal-impatt potenzjali tagħha;

(f) jiżguraw li l-linji gwida għal dawk il-proċeduri speċifiċi ta' awtorizzazzjoni jkunu stabbiliti u riveduti mill-awtoritajiet regolatorji jew minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra, inklużi l-awtoritajiet tal-ippjanar, li jistgħu jirrakkomandaw emendi;

(g) jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha jkunu disponibbli għall-pubbliku;

(h) jiżguraw li l-applikanti jiġu infurmati bir-raġunijiet għal kwalunkwe rifjut li tingħata awtorizzazzjoni. Li dawn ir-raġunijiet ikunu oġġettivi, mhux diskriminatorji, fondati sew u sostanzjati kif xieraq, u li l-proċeduri ta' appell ikunu disponibbli għall-applikanti;

(i) jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati biex jieħdu deċiżjoni, dwar l-awtorizzazzjoni fil-perjodi ta' żmien applikabbli;

3. Meta l-Istati Membri jimplimentaw sistema ta' awtorizzazzjoni għall-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni għall-elettriku, l-Istati Membri għandhom ukoll:

(a) jiżguraw il-konsistenza tas-sistema tal-awtorizzazzjoni għall-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni mal-pjan tal-iżvilupp tan-network tad-distribuzzjoni u mal-pjan tal-iżvilupp tan-network ta' 10 snin tat-trażmissjoni adottati skont l-Artikoli 32 u 51;

(b) jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi l-proċeduri rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti, ma jaqbżux is-sentejn ħlief meta debitament ġustifikati għal raġunijiet ta' ċirkostanzi straordinarji, fejn jistgħu jiġu estiżi sa sena;

(c) jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet jew mill-entitajiet nazzjonali kompetenti sal-iskadenza stabbilita fil-punt b jirriżulta fil-passi speċifiċi li jridu jitqiesu bħala approvati, ħlief għad-deċiżjonijiet ambjentali u fejn il-prinċipju

---

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj)

[20] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj)

[21] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/42/oj).

[22] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj).

[23] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/92/oj).

ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jeżistix fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;

(d) jiżguraw li l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet finali tinkludi deċiżjoni mogħtija b'mod taċitu wara n-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet jew mill-entitajiet kompetenti rilevanti;

(e) jiżguraw li l-awtorizzazzjoni tal-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni titqies bħala essenzjali għall-integrazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija u l-objettiv tan-newtralità klimatika.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jiddeżinjaw punt ta' kuntatt wieħed jew aktar għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni. Dawk il-punti ta' kuntatt għandhom, fuq talba tal-applikant u mingħajr ħlas, jipprovdu gwida lill-applikant u jiffaċilitaw il-proċedura ta' awtorizzazzjoni kollha għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, sad-deċiżjoni finali mill-awtoritajiet responsabbli. L-applikant ma għandux ikun meħtieġ li jikkuntattja aktar minn punt ta' kuntatt wieħed għall-proċess kollu.

Il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu l-istess bħall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/869 jew il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

5. Meta l-Istati Membri jimplimentaw sistema ta' awtorizzazzjoni għall-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni għall-elettriku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta kwalunkwe studju, rapport u dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċedura jkunu neqsin mill-applikazzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħra, jitolbu l-materjali neċessarji mill-iżviluppatur, filwaqt li jispeċifikaw l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħhom, fi żmien 3 xhur mill-applikazzjoni. Fl-istess perjodu ta' 3 xhur, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinforma lill-iżviluppatur jekk il-preżunzjonijiet skont il-paragrafu 10 japplikawx għall-proġett. Wara dak il-perjodu, la l-awtorità kompetenti u lanqas kwalunkwe awtorità rilevanti oħra ma għandhom jitolbu informazzjoni, studji, rapporti jew valutazzjonijiet addizzjonali, ħlief f'każijiet fejn tkun seħħet bidla materjali fil-proġett jew fl-ambjent tal-madwar tiegħu, u b'hekk il-kriterji inizjali li fuqhom kienu bbażati d-determinazzjonijiet ma jibqgħux xierqa. Meta tkun seħħet tali bidla materjali, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi lill-promotur tal-proġett b'ġustifikazzjoni motivata sew għat-talba għal informazzjoni addizzjonali.

6. It-terminu stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont id-dritt ambjentali u tal-enerġija applikabbli tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva (UE) 2018/2001, għal appelli ġudizzjarji, għal rimedji u għal proċedimenti oħra quddiem qorti jew tribunal, u għal mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, inklużi proċeduri tal-ilmenti, appelli u rimedji mhux ġudizzjarji, u jista' jiġi estiż għad-durata ta' tali proċeduri.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr ma jaffettwa l-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament (UE) 2022/869 u l-Artikolu 15 l-Artikoli 15b sa 17 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

8. Sakemm tinkiseb in-newtralità klimatika fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-valutazzjonijiet neċessarji każ b'każ fil-kuntest tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, tal-ippjanar, tal-kostruzzjoni u tal-operat tal-

infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni jkunu preżunti li jkunu fl-interess pubbliku prevalenti u li jservu s-saħħa u s-sikurezza pubbliċi meta jiġu bbilanċjati l-interessi legali f'każijiet individwali għall-finijiet tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1), il-punt (c), tad-Direttiva 92/43/KEE, tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE u tal-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2009/147/KE. L-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u speċifiċi, jirrestrinġu l-applikazzjoni għal ċerti partijiet tat-territorju tagħhom, għal ċerti tipi ta' teknoloġija jew għal proġetti b'ċerti karatteristiċi tekniċi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-proġetti jingħataw ukoll prijorità meta jiġu bbilanċjati interessi legali għajr dawk imsemmija f'dan il-paragrafu bl-eċċezzjoni tal-wirt kulturali abbażi ta' kriterji legali biex tiġi żgurata implimentazzjoni armonizzata.

9. Sakemm tinkiseb in-newtralità klimatika fil-livell tal-Unjoni, b'deroga mill-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 4(1) u 4(2) tad-Direttiva 2011/92/UE u mill-Anness I, il-punt 20, u l-Anness II, il-punt (3)(b), ta' dik id-Direttiva, u b'deroga mill-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tista', f'ċirkostanzi ġustifikati, inkluża l-ħtieġa li jiġi aċċellerat il-varar tal-infrastruttura tas-sistema tal-elettriku biex jinkisbu l-miri tan-newtralità klimatika u tal-enerġija rinnovabbli, teżenta r-rinnovazzjoni, il-modernizzazzjoni, jew ir-repowering tal-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni eżistenti, dment li ma tinvolvix l-użu ta' spazju addizzjonali u tikkonforma mal-miżuri ta' mitigazzjoni ambjentali applikabbli stabbiliti għall-installazzjoni oriġinali, minn dawn:

(a) il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/92/UE;

(b) valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tagħhom għas-siti ta' Natura 2000 skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE;

(c) il-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-protezzjoni tal-ispeċijiet skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE;

(d) l-iskrinjar skont l-Artikolu 5 tar-Regolament [xxxxx] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

Dawk l-eżenzjonijiet ma għandhomx japplikaw għar-rinnovazzjoni, għall-modernizzazzjoni jew għar-repowering tal-infrastruttura eżistenti tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tas-sistema tad-distribuzzjoni, jew tagħmir assoċjat, li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor, f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/92/UE.

L-Istati Membri għandhom jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu f'żoni ta' Natura 2000 u f'żoni oħra taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali u f'żoni protetti ta' wirt kulturali jew storiku.

10. F'ċirkostanzi ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 9 għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tad-distribuzzjoni jew tat-tagħmir assoċjat, dment li l-proġett rilevanti jkun għadda minn skrinjar f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/92/KE fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun aċċertat li l-proġett x'aktarx ma jkollux impatt ambjentali

sinifikanti, b'mod partikolari fid-dawl tal-partikolaritajiet taż-żona li fiha jiġi varat il-proġett, bħal żoni urbani u dawk b'densità għolja ta' bini.

Dawk l-eżenzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida ta' distribuzzjoni jew tat-tagħmir assoċjat, li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor, f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/92/UE.

Meta l-iskrinjar imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika impatt ambjentali sinifikanti probabbli, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-iżviluppatur tal-proġett fi żmien 45 jum mill-applikazzjoni li hija meħtieġa valutazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 9.

L-Istati Membri għandhom jirrestrinġu l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu f'żoni ta' Natura 2000 u f'żoni oħra taħt skemi ta' protezzjoni nazzjonali u f'żoni protetti ta' wirt kulturali jew storiku.

11. L-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għal tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tan-nitroġenu u ma għandhomx jirrikjedu valutazzjoni tal-emissjonijiet tan-nitroġenu f'valutazzjoni li tista' titwettaq biex ikun hemm konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

12. Valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, u, fejn applikabbli, valutazzjoni xierqa skont id-Direttiva 92/43/KEE, għal proġett għall-estensjoni, għar-rinnovazzjoni, għall-modernizzazzjoni jew għar-repowering ta' infrastruttura eżistenti tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, għandha tkun limitata għall-evalwazzjoni tal-impatt potenzjali li jirriżulta mill-bidliet jew mill-estensjonijiet meta mqabbla mal-infrastruttura oriġinali tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni.

13. Għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet skont it-tifsira tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi diġitali jkunu fis-seħħ għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet, tal-proċess assoċjat, u tad-deċiżjonijiet li jkunu għaddejjin.

Dawk il-pjattaformi għandhom jipprovdu aċċess għad-data u għad-deċiżjonijiet ambjentali u ġeoloġiċi rilevanti disponibbli fil-portal online ċentrali msemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament [xxxxx] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

"Artikolu 8a

**Assenza ta' soluzzjonijiet alternattivi jew sodisfaċenti u implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE**

14. Meta jiġi vvalutat jekk jeżistux soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti għal proġetti ta' infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, u għat-tagħmir assoċjat, għall-finijiet tal-Artikoli 6 (4) u tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 92/43/KEE, tal-Artikolu 4(7), il-punt (d), tad-Direttiva 2000/60/KE u tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE, il-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti għandha tiġi ssodisfata meta ma jkun hemm l-ebda soluzzjoni alternattiva sodisfaċenti li kapaċi tikseb l-istess objettiv tal-proġett inkwistjoni, f'termini tal-iżvilupp tal-istess kapaċità permezz tal-istess teknoloġija fl-istess perjodu ta' żmien jew f'perjodu ta' żmien simili u mingħajr ma tirriżulta f'kostijiet ferm ogħla.

15. Meta jimplimentaw miżuri ta' kumpens għal proġetti ta' infrastruttura tas-sistema tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni, u għat-tagħmir assoċjat, għall-fini tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jistgħu, f'każijiet ġustifikati u meta jkun jista' jintwera b'mod raġonevoli li l-pjan jew il-proġett ma jaffettwax b'mod irriversibbli l-proċessi ekoloġiċi essenzjali għaż-żamma tal-istruttura u tal-funzjonijiet tas-sit u jikkompromettI l-koerenza ġenerali tan-network Natura 2000 qabel ma jiġu stabbiliti miżuri ta' kumpens, jippermettu li tali miżuri ta' kumpens jitwettqu b'mod parallel mal-implimentazzjoni tal-proġett. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk il-miżuri ta' kumpens jiġu adattati maż-żmien f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, skont jekk l-effetti negattivi sinifikanti jkunux mistennija li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju jew twil.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu 40a li ġej:

"Artikolu 40a

**Żvilupp tan-network u setgħat biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' investiment**

1. Mill-inqas kull sentejn, l-operaturi kollha tas-sistema tat-trażmissjoni għandhom jippreżentaw lill-awtorità regolatorja pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ibbażat fuq il-provvista u fuq id-domanda eżistenti u previsti wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (c). Dak il-pjan ta' żvilupp tan-network għandu jkun fih miżuri effiċjenti sabiex jiġu ggarantiti l-adegwatezza tas-sistema u s-sigurtà tal-provvista. L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jippubblika l-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network fuq is-sit web tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw passi koordinati tal-ippjanar tal-pjanijiet rispettivi ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-gass naturali, għall-idroġenu u għall-elettriku.

2. Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għandu b'mod partikolari:

(a) jindika lill-parteċipanti fis-suq l-infrastruttura ewlenija tat-trażmissjoni li jeħtieġ li tinbena jew tiġi aġġornata matul l-10 snin li ġejjin u l-15-il sena li ġejjin, filwaqt li jitqies il-potenzjal ta' investimenti antiċipatorji biex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet futuri tas-sistema;

(b) jikkunsidra bi prijorità l-użu ta' riżorsi ta' flessibbiltà mhux fossili skont ir-Regolament (UE) 2019/943, soluzzjonijiet mingħajr fili skont ir-Regolament (UE) [*ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM (2025) xxxx*], u alternattivi oħra għall-espansjoni tas-sistema;

(c) ikun ibbażat fuq xenarju konġunt żviluppat kull sentejn skont l-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], li għandu jkun konsistenti max-xenarju ċentrali u mas-sensittivitajiet żviluppati f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) [*ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM (2025) xxxx*];

[24] Id-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu, li temenda d-Direttiva (UE) 2023/1791 u li tħassar id-Direttiva 2009/73/KE (ĠU L, 2024/1788, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1788/oj)

(d) ikun konformi mal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima u mal-aġġornamenti tiegħu, iqis is-sitwazzjoni attwali fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima ppreżentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, ikun konsistenti mal-miri stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2018/2001, isegwi l-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 u jappoġġa l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25];

(e) ikun fih l-investimenti kollha diġà deċiżi u jidentifika investimenti ġodda li jridu jiġu eżegwiti fit-3 snin li ġejjin;

(f) jipprevedi perjodu ta' żmien għall-proġetti kollha ta' investiment.

3. Proġetti infrastrutturali ġodda għandhom ikunu akkumpanjati minn spjegazzjoni dwar kif tqiesu soluzzjonijiet mingħajr fili, riżorsi ta' flessibbiltà mhux fossili jew alternattivi oħra għall-espansjoni tas-sistema.

4. Meta jelabora l-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jqis bis-sħiħ il-potenzjal għall-użu tar-rispons tad-domanda, tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew ta' riżorsi oħra bħala alternattivi għall-espansjoni tas-sistema, kif ukoll il-konsum mistenni, il-kummerċ ma' pajjiżi oħra u l-pjanijiet ta' investiment għan-networks madwar l-Unjoni u reġjonali.

5. L-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-utenti attwali jew potenzjali kollha tas-sistema dwar il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network b'mod miftuħ u trasparenti. Persuni jew impriżi li jiddikjaraw li huma utenti potenzjali tas-sistema jistgħu jkunu meħtieġa jissostanzjaw asserzjonijiet bħal dawn. L-awtorità regolatorja għandha tippubblika r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni, b'mod partikolari l-ħtiġijiet possibbli għall-investimenti.

6. L-awtorità regolatorja għandha tapprova jew titlob l-emendar tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network u teżamina jekk il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ikopri il-ħtiġijiet kollha ta' investiment identifikati matul il-proċess ta' konsultazzjoni, u jekk huwiex konsistenti mal-pjan mhux vinkolanti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha ("pjan ta' żvilupp tan-network għall-Unjoni kollha") imsemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943. Meta jkun hemm xi dubju dwar il-konsistenza mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, l-awtorità regolatorja għandha tikkonsulta lill-ACER. L-awtorità regolatorja tista' tirrikjedi li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jemenda l-pjan tiegħu ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jeżaminaw il-konsistenza tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network mal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima ppreżentat f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

7. L-awtorità regolatorja għandha timmonitorja u tevalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network.

---

25 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj)

8. F'ċirkostanzi fejn l-operatur indipendenti tas-sistema, jew l-operatur indipendenti tat-trażmissjoni, għajr għal raġunijiet prevalenti li ma humiex fil-kontroll tiegħu, ma jwettaqx investiment, li, skont il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network, kellu jitwettaq fit-3 snin ta' wara, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità regolatorja tkun meħtieġa tieħu mill-inqas waħda mill-miżuri li ġejjin biex tiżgura li tali investiment isir fejn dan l-investiment ikun għadu rilevanti abbażi tal-pjan ta' 10 snin l-aktar reċenti għall-iżvilupp tan-network:

(a) jirrikjedi li l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jwettaq l-investimenti inkwistjoni;

(b) jorganizza proċedura tal-offerti miftuħa għal kwalunkwe investitur għall-investiment inkwistjoni; jew

(c) jobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jaċċetta żieda fil-kapital biex jiffinanzja l-investimenti neċessarji u jippermetti lill-investituri indipendenti jipparteċipaw fil-kapital.

9. Meta l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha skont il-paragrafu 8, il-punt (b), hija tista' tobbliga lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni jaqbel ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) il-finanzjament minn kwalunkwe parti terza;

(b) il-kostruzzjoni minn kwalunkwe parti terza;

(c) il-bini tal-assi l-ġodda kkonċernati minnu stess;

(d) l-operat tal-assi kkonċernat il-ġdid minnu stess.

L-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni għandu jipprovdi lill-investituri bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettqu l-investiment, għandu jikkollega l-assi l-ġodda man-network tat-trażmissjoni u għandu ġeneralment jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett ta' investiment.

L-arranġamenti finanzjarji rilevanti għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja.

10. Meta l-awtorità regolatorja tkun għamlet użu mis-setgħat tagħha skont il-paragrafu 8, ir-regolamenti tariffarji rilevanti għandhom ikopru l-kostijiet tal-investimenti inkwistjoni.";

(4) L-Artikolu 51 jitħassar.

(5) fl-Artikolu 59(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(bb) l-approvazzjoni u t-talba għall-emendar tal-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network imsemmija fl-Artikolu 40a.";

*Artikolu 3*

**Emendi tad-Direttiva (UE) 2024/1788**

Id-Direttiva (UE) 2024/1788 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. F'ċirkostanzi fejn tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, bħal liċenzja, permess, konċessjoni, kunsens jew approvazzjoni għall-kostruzzjoni jew għall-operazzjoni ta' faċilitajiet tal-gass naturali, ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu, u ta' infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti deżinjata minnhom, għandhom jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni jew għall-operazzjoni ta' tali faċilitajiet, infrastruttura, pipelines jew tagħmir assoċjat fit-territorju tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 11 u mal-paragrafu 16. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti deżinjata minnhom, jistgħu wkoll jagħtu awtorizzazzjonijiet fuq l-istess bażi għall-provvista tal-gass naturali u tal-idroġenu u għall-klijenti bl-ingrossa.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 5a sa 5d li ġejjin:

"5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta kwalunkwe studju, rapport jew dokumentazzjoni meħtieġa għall-proċedura jkunu neqsin mill-applikazzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet rilevanti oħra kkonċernati, jitolbu l-materjali neċessarji mill-iżviluppatur, filwaqt li jispeċifikaw l-ambitu u l-livell ta' dettall tagħhom, fi żmien 3 xhur mill-applikazzjoni.

Wara dak il-perjodu, la l-awtorità kompetenti u lanqas kwalunkwe awtorità kkonċernata rilevanti oħra ma għandhom jitolbu informazzjoni, studji, rapporti jew valutazzjonijiet addizzjonali, ħlief f'każijiet fejn tkun seħħet bidla materjali fil-proġett jew fl-ambjent tal-madwar tiegħu, u b'hekk il-kriterji inizjali li fuqhom kienu bbażati d-determinazzjonijiet ma jibqgħux xierqa. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi lill-promotur tal-proġett b'ġustifikazzjoni motivata sew għat-talba għal informazzjoni addizzjonali.

5b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu mgħammra b'riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati biex jieħdu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni fil-perjodu ta' żmien speċifikat fil-paragrafu 5.

5c. Fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 dwar il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-idroġenu u l-infrastruttura tas-sistema tal-idroġenu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5 jirriżulta fil-passi speċifiċi li jridu jitqiesu bħala approvati, ħlief għad-deċiżjonijiet ambjentali u meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx rikonoxxut fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

5d. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku, inklużi d-deċiżjonijiet finali mogħtija b'mod taċitu wara n-nuqqas ta' tweġiba mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.";

(c) fil-paragrafu 8, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu l-istess bħall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/869, jew il-punti ta' kuntatt definiti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.";

(d) jiżdied il-paragrafu 16 li ġej:

"16. Għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti l-pjattaformi diġitali biex jittrattaw l-applikazzjonijiet, il-proċess assoċjat, u d-deċiżjoni kontinwa. Dawk il-

pjattaformi għandhom jipprovdu aċċess għad-data u għadd-deċiżjonijiet ambjentali u ġeoloġiċi rilevanti disponibbli fil-portal online ċentrali msemmi fl-Artikolu 10(3) ta' ."

*Artikolu 4*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [sentejn wara l-adozzjoni tagħha]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3
1.3. Objettiv(i) ..... 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ........ 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ........ 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ........ 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ........ 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ........ 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ........ 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ........ 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ........ 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ........ 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ........ 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ........ 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ........ 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ........ 30
4.2. Data ........ 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ........ 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ........ 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Enerġija rinnovabbli, Infrastruttura tal-Enerġija, protezzjoni tal-ambjent

### 1.3. Objettiv(i)

#### *1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali huwa l-iżvilupp f'waqtu u effiċjenti ta' infrastruttura tal-enerġija reżiljenti, tal-enerġija rinnovabbli u l-flessibbiltà, inklużi stazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, madwar l-UE. Dan se jippermetti lill-UE tilħaq l-objettivi tagħha dwar l-enerġija u l-klima, inkluż l-iżgurar tal-affordabbiltà tal-enerġija permezz ta' interkonnettività aħjar, li twassal għal konverġenza tal-prezzijiet, prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa mnaqqsa u volatilità aktar baxxa tal-prezzijiet tal-elettriku, kif ukoll għal konnessjoni aċċellerata tal-ġenerazzjoni u tad-domanda.

#### *1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku Nru 1</u>

It-tqassir u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin, kif ukoll tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar, li jwasslu għal żmien iqsar biex jinkisbu l-permessi neċessarji, u b'hekk ikun fattibbli li jiġu rrispettati l-iskadenzi eżistenti, u jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti tal-permessi.

#### *1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

[…]Impatt Ekonomiku

Permezz tal-ħolqien ta' qafas ċar bi skadenzi konkreti iqsar u bi proċeduri aktar sempliċi għall-iżvilupp ta' proġetti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES, Renewable Energy Source), ta' grilji u ta' stazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, il-proposta twassal għal żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni iqsar għall-proġetti u b'hekk iġġib benefiċċji ekonomiċi pożittivi. Dan huwa appoġġat mill-esperjenza bl-implimentazzjoni ta' miżuri vinkolanti u fakultattivi biex jiġi aċċellerat il-ħruġ tal-permessi kif introdott mir-Regolament ta' Emerġenza. Il-Ġermanja għamlet użu estensiv mill-miżuri f'dan ir-Regolament li rriżulta f'aċċellerazzjoni sostanzjali tal-ħruġ tal-permessi. L-indirizzar tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti huwa mistenni li jiġġenera benefiċċji f'termini ta' tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa u jżid il-benesseri totali.

Kompetittività

B'mod ġenerali, jekk l-Ewropa tista' tqassar b'mod sinifikanti l-proċeduri għall-ippjanar u għall-ħruġ tal-permessi, minbarra li tikseb benefiċċji ekonomiċi diretti, il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fil-konfront tal-kompetituri diretti tista' tittejjeb ukoll, pereżempju permezz tal-elettrifikazzjoni kosteffiċjenti tal-industrija. Dan jikkonċerna pereżempju l-konnessjoni ta' ċentri tad-data jew ta' gigafabbriki, li

għalihom il-konnessjoni mal-grilja hija waħda mill-kunsiderazzjonijiet importanti li abbażi tagħhom jiddeċiedu dwar il-pożizzjonament tagħhom.

Diġitalizzazzjoni

Il-proposta tkun tirrikjedi li l-Istati Membri jkomplu jiddiġitalizzaw il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi tagħhom permezz tal-integrazzjoni ta' għodod diġitali, joħolqu, jaġġornaw kontinwament il-pjattaformi b'data rilevanti u jtejbu l-ħiliet tal-persunal tagħhom biex jittrattaw l-elementi diġitali l-ġodda.

Piż amministrattiv

Il-miżuri skont il-proposta jeħtieġu implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, speċifikament fir-rigward ta' dawn: it-tagħmir tal-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi bil-persunal, bil-ħiliet u bl-għodod kollha neċessarja biex jittrattaw l-għadd dejjem jikber ta' talbiet għall-ħruġ tal-permessi, l-iskedi ta' żmien aċċellerati għall-ħruġ tal-permessi u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal ċerti proġetti u għar-repowering, il-ħolqien ta' pjattaformi u ta' għodod diġitali għall-proċess għall-ħruġ tal-permessi u għat-tfassil ta' skemi ta' kondiviżjoni tal-benefiċċji għall-parteċipazzjoni pubblika fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli u proċeduri ġodda bħala punti uniċi ta' kuntatt għall-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku b'mod ġenerali u għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, mhux koperti mill-RED riveduta. Madankollu, dan l-effett tal-kost fuq terminu qasir jissarraf fi ffrankar minn proċeduri rrazzjonalizzati, aktar sempliċi u aktar rapidi fuq terminu medju u fit-tul.

Impatti soċjali

Il-proposta tinvolvi miżuri addizzjonali li jsaħħu l-involviment pubbliku bikri u effettiv u jrawmu l-appoġġ pubbliku għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jinkludu b'mod espliċitu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni pubblika u, għalhekk, l-aċċettazzjoni soċjali ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Billi tirrevedi l-miżuri kurrenti dwar l-aċċettazzjoni pubblika tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni se tkun tista' tivvaluta l-opportunità li tintroduċi miżuri li jkunu ta' benefiċċju dirett jew indirett għall-konsumaturi, eż. skemi ta' qsim tal-benefiċċji u l-ħolqien tal-impjiegi.

Impatti Ambjentali

L-iżgurar tal-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-enerġija, speċjalment il-grilji tal-elettriku, huwa essenzjali biex jiżdied is-sehem tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli integrata fit-taħlita enerġetika, filwaqt li jiġi evitat it-telf ambjentali minħabba t-tnaqqis. L-integrazzjoni tal-RES se tippermetti li jitrażżan l-użu tal-fjuwils fossili filwaqt li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk jiġu indirizzati żewġ fatturi ewlenin tat-telf tal-bijodiversità: it-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-arja. Il-proposta tinkludi miżuri li għandhom l-għan li jaċċelleraw il-ħruġ tal-permessi u li, għalhekk, iwasslu għal implimentazzjoni aktar rapida u mifruxa, li jirrelataw mal-użu ta' aktar spazju u għalhekk għandhom effett fuq l-ambjent, iżda huma mfassla biex ma jnaqqsux il-livell ta' protezzjoni tal-ambjent.

L-impatti rilevanti fuq l-ambjent naturali u dak magħmul mill-bniedem imorru lil hinn mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gases) u ta' gassijiet li ma humiex CO2. Dawn l-impatti huma dipendenti ħafna fuq it-teknoloġija użata u l-post fejn jinsabu l-assi u l-istatus ambjentali tal-fawna u tal-flora tal-madwar.

Madankollu, dawn l-impatti huma indirizzati fit-tfassil tal-miżuri proposti permezz tal-introduzzjoni ta' salvagwardji.

### 1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Is-suċċess tal-proposta jista' jitkejjel skont l-objettiv operazzjonali għal Proċeduri għall-ħruġ tal-permessi iqsar u aktar sempliċi għall-infrastruttura tal-enerġija, għall-assi tal-enerġija rinnovabbli, għall-proġetti tal-ħżin, u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar u għal sett tal-indikaturi li ġejjin:

-id-durata totali medja u massima tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fi snin;

-ir-rata annwali u d-dewmien medju fil-proċedura għall-ħruġ tal-permessi tal-proġetti ta' interess komuni u reċiproku (fi snin);

-ir-rata ta' diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi - f'perċentwal u f'numru ta' Stati Membri li jvaraw proċeduri diġitali, pjattaformi ta' ġestjoni tal-permessi u arkivji ċentralizzati għad-data rilevanti (f'format li huwa faċilment aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti);

-il-livell ta' oppożizzjoni ffaċċjat minn proġetti ta' interess komuni (l-għadd ta' oġġezzjonijiet bil-miktub matul il-konsultazzjoni pubblika, l-għadd ta' azzjonijiet ta' rikors legali).

## 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[52]

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-proposta tinkludi miżuri dwar il-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, għall-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, għall-proġetti tal-ħżin u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jadottaw miżuri ġodda jew jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jittrasponu dawn ir-regoli.

### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

[52] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ilħuq tal-objettivi tal-enerġija tal-UE mingħajr azzjoni addizzjonali dwar il-varar tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-UE ma jkunx kosteffiċjenti. Huwa meħtieġ approċċ tal-UE biex jipprovdi l-inċentivi t-tajbin lill-Istati Membri sabiex jaċċelleraw, b'mod koordinat, it-tranżizzjoni tal-enerġija lejn sistema tal-enerġija aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-biċċa l-kbira bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-RED riveduta diġà tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-ħżin kolokalizzat u għall-grilji relatati. Hija meħtieġa azzjoni tal-UE biex tkompli ttejjeb dak il-qafas regolatorju b'mod koordinat, billi ġġib proċeduri aktar rapidi għall-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, filwaqt li tiżgura l-allinjament fost l-Istati Membri u l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni tal-Enerġija. Filwaqt li jitqiesu l-politiki differenti dwar l-enerġija fost l-Istati Membri, azzjoni fil-livell tal-UE, bl-appoġġ tal-qafas sod ta' governanza, hija aktar probabbli li tilħaq il-mira klimatika tal-UE u tikseb iż-żieda meħtieġa fil-varar tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli minn azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha.

Valur miżjud tal-UE mistenni li jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-azzjoni tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli skont l-RED riveduta, u għall-infrastruttura tal-enerġija skont id-Direttivi dwar is-Suq tal-Elettriku u tal-Gass, iġġib valur miżjud minħabba li hija aktar effiċjenti u effettiva mill-azzjonijiet tal-Istati Membri individwali, filwaqt li tevita approċċ frammentat billi tindirizza t-tranżizzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea b'mod koordinat. Dan jiżgura t-tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tat-tniġġis, jipproteġi l-bijodiversità, jisfrutta bis-sħiħ il-benefiċċji tas-suq intern, jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi tal-ekonomiji ta' skala u l-kooperazzjoni teknoloġika fl-Ewropa, u jagħti ċertezza lill-investituri f'qafas regolatorju madwar l-UE. Billi tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE flimkien ma' azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, jistgħu jiġu indirizzati diversi ostakli għall-investimenti pubbliċi u privati filwaqt li tiġi ssupplimentata u tissaħħaħ l-azzjoni nazzjonali u lokali.

L-għan tal-proposta ma setax jintlaħaq bl-istess mod bil-miżuri nazzjonali, u fl-istess ħin jippreserva l-prerogattiva tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita enerġetika tagħhom, il-livell ta' kompetenza u jistabbilixxu d-dettalji tal-oqfsa tal-ħruġ tal-permessi tagħhom. Il-proposta tinvolvi approċċ aktar minn fuq għal isfel iżda fl-istess ħin iżżomm u ssaħħaħ il-kompetenzi fil-livell nazzjonali u, għalhekk, titqies skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-Rapport ta' Implimentazzjoni anness mal-Valutazzjoni tal-Impatt janalizza t-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-qafas għall-ħruġ tal-permessi stabbilit fil-livell tal-Unjoni mar-Regolament tal-Kunsill u d-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni jipprovdi evidenza tal-ħtieġa għal aktar titjib, jiġifieri fir-rigward ta' miżuri inklużi fir-Regolament tal-Kunsill li ma sarux permanenti, għall-parteċipazzjoni pubblika, id-diġitalizzazzjoni u l-proċeduri simplifikati ta' valutazzjoni ambjentali.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Dan il-Pakkett dwar il-Grilji huwa riżultat ewlieni skont il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli, li huma inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni. L-inizjattiva hija komplementari għal inizjattivi oħra li

għandhom l-għan li joħolqu suq tal-enerġija Ewropew aktar integrat u kostijiet tal-enerġija aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi u għall-industriji. L-infrastruttura tal-enerġija hija kruċjali wkoll biex tintlaħaq il-mira klimatika proposta tal-UE għall-2040, u għall-objettiv tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 il-ġdid tenfasizza "l-importanza vitali ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina".

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja din il-proposta analizza għażliet ta' politika differenti biex jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-inizjattiva. L-għażla ta' politika ppreferuta li hija segwita permezz ta' din il-proposta leġiżlattiva, tqieset bħala l-aktar approċċ effettiv u kosteffiċjenti

### 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

✠ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[53]

✠ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✠ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

[53] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

Kummenti

| |
|---|
| Għal din il-proposta, l-unika ħtieġa baġitarja identifikata hija marbuta mal-kuntratt għal appoġġ estern għall-kontrolli tat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Meta titqies l-iskeda ta' żmien tas-soltu għan-negozjati, għall-adozzjoni u għall-iskadenza tat-traspożizzjoni, kuntratt bħal dan se jkun meħtieġ wara l-2028 u, għaldaqstant, il-QFP li jmiss. |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Il-kompiti implimentati direttament mid-DĠ Enerġija se jsegwu ċ-ċiklu annwali tal-ippjanar u tal-monitoraġġ, kif implimentat fil-Kummissjoni u fl-aġenziji eżekuttivi, inkluż ir-rapportar tar-riżultati permezz tar-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ ENER.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Rekwiżit 1:

L-użu ta' fornitur estern tas-servizzi għall-organizzazzjoni tal-materjal u l-ewwel valutazzjoni tal-miżuri kienet prattika tas-soltu meta jitqies il-volum tal-miżuri u l-użu tal-lingwi nazzjonali fil-miżuri kkomunikati mill-Istati Membri. L-assenjazzjoni ssir permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. F'dan il-każ, l-akkwist jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta, b'applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. L-istrateġija ta' kontroll għall-akkwisti fid-DĠ Enerġija tinkludi kontrolli legali, operazzjonali u finanzjarji *ex ante* speċifiċi dwar il-proċedura tal-akkwist (rieżami mill-kumitat konsultattiv għall-akkwist u għall-kuntratti) kif ukoll dwar l-iffirmar tal-kuntratti. Barra minn hekk, in-nefqa li ssir għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi hi soġġetta għal kontrolli *ex ante* u, meta meħtieġ, għal kontrolli *ex post* u finanzjarji.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

L-elementi ġestiti direttament mid-DĠ ENER jistgħu jkunu soġġetti għar-riskji tas-soltu li jaffettwaw il-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Dawn ir-riskji jitqiesu bħala ta' livell baxx fir-rigward tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa. Hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u effettivi fil-livell korporattiv u tad-DĠ. Fir-rigward tal-prestazzjoni, ir-riskju ewlieni huwa stimi żbaljati fir-rigward tal-volum ta' xogħol maħluq minn din il-proposta. Dan ir-riskju jeħtieġ li jiġi aċċettat, u jiddependi fuq il-ħidma ta' traspożizzjoni mill-Istati Membri kif ukoll fuq l-organizzazzjoni u fuq il-prijoritizzazzjoni tax-xogħol intern.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kompiti assenjati lid-DĠ ENER se jiġu implimentati b'segwitu għas-sistema ta' kontroll diġà eżistenti u l-proporzjon tal-kost tal-kontroll huwa mistenni li jibqa' stabbli (5 sa 6 % tal-fondi ġestiti abbażi ta' eżerċizzji reċenti). F'konformità mal-istima tar-rati ta' errur għall-proċeduri ta' akkwist, ir-riskju mistenni ta' errur fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq huwa mistenni li jibqa' baxx u taħt livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Id-DĠ ENER adotta Strateġija Kontra l-Frodi riveduta fl-2020 u, fl-2023, pjan ta' azzjoni rivedut li jkopri s-snin 2023-2025. Id-DĠ ENER bħalissa qed jirrevedi l-Istrateġija Kontra l-Frodi (AFS, Anti-fraud Strategy) tiegħu għas-snin 2026-2028, f'konformità mal-metodoloġija tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF, Office européen de lutte antifraude). L-AFS tal-DĠ ENER huma bbażati fuq l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi u fuq valutazzjoni tar-riskju speċifika mwettqa internament biex jiġu identifikati l-oqsma l-aktar vulnerabbli għall-frodi, il-kontrolli diġà fis-seħħ u l-azzjonijiet neċessarji biex tittejjeb il-kapaċità tad-DĠ ENER li jipprevjeni, jidentifika u jikkoreġi l-frodi.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>*Skont l-ordni*</u> *tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[54]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[55] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[56] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | 02.03.02 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Enerġija | Diff. | LE | LE | LE | LE |

54 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
55 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
56 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali* [57]

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: ENER | | | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja: 02.03.02 Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Enerġija | Impenji | (1b) | 0,350 | | | | | | | **0,350** |
| | Pagamenti | (2b) | | 0,140 | | 0,140 | 0,070 | | | **0,350** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[58] | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | **0** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ ENER** | Impenji | =1a+1b+3 | **0,350** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0,350** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0** | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | **0** | **0** | **0,350** |

| | Sena | Sena | Sena | Sena | Sena | Sena | Sena | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

57 L-ammonti ta' wara l-2027 huma indikattivi u ma jippreġudikawx l-eżitu tan-negozjati li għaddejjin dwar il-QFP li jmiss.

58 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | 2028 | 2029 | 2030 | 2031 | 2032 | 2033 | 2034 | QFP 2028-2034 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | **0,350** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0,350** |
| | Pagamenti | (5) | 0 | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | 0 | 0 | **0,350** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <2.>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,350** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0,350** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0** | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | **0** | **0** | **0,350** |

| | | | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Sena 2032 | Sena 2033 | Sena 2034 | TOTAL QFP 2028-2034 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | **0,350** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0,350** |
| | Pagamenti | (5) | **0** | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | **0** | **0** | **0,350** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 3** | Impenji | =4+6 | **0,350** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0,350** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| tal-qafas finanzjarju pluriennali<br><br>(Ammont ta' referenza) | Pagamenti | =5+6 | **0** | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | **0** | **0** | **0,350** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 4 | "Nefqa amministrattiva"[59] |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

| DĠ: <…….> | | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

59 Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4** | Impenji | **0,350** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0,350** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **0** | **0,140** | | **0,140** | **0,070** | **0** | **0** | **0,350** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **2028** | | Sena **2029** | | Sena **2030** | | Sena **2031** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[60] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[61]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

60 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

61 Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi"

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

*3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Sena 2032 | Sena 2033 | Sena 2034 | TOTAL 2028 - 2034 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 4** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 4** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 4** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 4** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

*3.2.4. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani*

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

*3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*[62]

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Sena 2032 | Sena 2033 | Sena 2034 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| (Riċerka indiretta) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| (Riċerka diretta) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

62 Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x’inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

| • Persunal estern (f'FTEs) | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linja ta' appoġġ Ammin.<br><br>[XX.01.YY.YY] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 4 | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 4 | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

| | **Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni** | **Persunal addizzjonali eċċezzjonali *** | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 4 jew skont ir-Riċerka** | **Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA** | **Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi** |
| Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal | | | M/A | |
| Persunal estern (CA, SNEs, INT) | | | | |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 4 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 3 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028 - 2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 4** | | | | | | | | |
| Nefqa tal-IT (korporattiva) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 4** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| **Barra mill-INTESTATURA 4** | | | | | | | | |
| Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 4** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[63] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (pereż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

**Requirement 1 (R1):** Ir-Rekwiżit 1 huwa relatat mal-miżura li titlob il-proċedura ta' applikazzjoni għall-ħruġ tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-infrastruttura tal-enerġija u għall-proġetti ta' ħżin li għandhom jiġu diġitalizzati u ċentralizzati. Jeħtieġ li l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jirċievu applikazzjonijiet għall-ħruġ tal-permessi u d-dokumenti rilevanti kollha f'format diġitali. Skont il-proposta, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu portal diġitali uniku fil-livell nazzjonali għall-passi kollha tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-ħżin u tal-grilja sabiex dan jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni, għall-interoperabbiltà u għat-trasparenza aktar uniformi fost l-awtoritajiet

[63] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

differenti tal-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri u, fl-aħħar mill-aħħar, iħaffef il-ħruġ tal-permessi. Dan se jiġi inkluż fl-Artikolu 16 tal-RED, fl-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi (EMD, Electronic Money Directive) u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar is-Suq tal-Gass. Dan se jiżdied mal-obbligu fuq l-iSM li d-deċiżjonijiet kollha għandhom jinħarġu f'format faċilment aċċessibbli. Jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jiżguraw aċċess għad-data u għad-deċiżjonijiet ambjentali u ġeoloġiċi rilevanti disponibbli fil-portal online ċentrali msemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament [*xxxxx*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**Requirement 2(R2)**: Ir-Rekwiżit 3 huwa relatat mal-monitoraġġ u mal-valutazzjoni tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni tad-Direttiva emendatorja mis-servizzi tal-Kummissjoni. Il-komunikazzjoni ta' miżuri u tad-dokumenti rilevanti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni ssir permezz tal-portal THEMIS jew emails. Mhux se jkunu meħtieġa aktar azzjonijiet mis-Servizzi tal-Kummissjoni biex jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Barra minn hekk, biex tassisti fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tad-direttiva emendatorja, l-għodda online eżistenti li nħolqot għad-Direttiva (UE) 2023/2413 se tiġi aġġornata.

## 4.2. Data

Għar-**Rekwiżit 1**, hija inkluża d-data neċessarja kollha għal permess jew għal permessi kompluti għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-infrastruttura tal-enerġija u tal-ħżin. Din hija data personali marbuta mal-applikant kemm jekk persuna fiżika kif ukoll jekk ġuridika, il-karatteristiċi tal-proġetti u d-dokumenti ta' sostenn neċessarji kollha. Abbażi taċ-ċentralizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni poġġiet ukoll obbligu li l-portal jippermetti li tiġi estratta data statistika dwar il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, speċjalment fir-rigward tal-iskedi ta' żmien medji, id-dewmien eċċ. Ġie introdott obbligu ġenerali li jiġu rrispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data f'każ li jkunu applikabbli.

Għar-**Rekwiżit 2**, id-data kondiviża għat-traspożizzjoni tad-direttiva hija fil-biċċa l-kbira leġiżlazzjoni li hija pubblika u ittri lill-Kummissjoni u mingħandha, li huma kunfidenzjali.

## 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Għar-**Rekwiżit 1**: Id-diġitalizzazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tal-infrastruttura tal-enerġija u tal-ħżin se jiġu ffaċilitati mis-soluzzjoni diġitali ta' pjattaforma jew ta' portal diġitali li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu. Permezz ta' dan, l-iSM jimmaniġġjaw il-proċessi għall-ħruġ tal-permessi (deċiżjonijiet kontinwi dwar il-ħruġ tal-permessi u deċiżjonijiet maħruġa). Biċ-ċentralizzazzjoni ta' din id-data, nistennew li nissimplifikaw il-proċeduri u nipprevjenu d-duplikazzjoni tal-istess data fi pjattaformi differenti. Fil-premessi, il-Kummissjoni tħeġġeġ li l-portal jippreżenta karatteristiċi, inkluż permezz tal-intelliġenza artifiċjali, li jippermettu lill-punt uniku ta' kuntatt, lil awtoritajiet oħra u lill-applikanti jivverifikaw l-istatus tal-applikazzjoni u fejn ikun hemm dewmien, kif ukoll jivverifikaw il-konformità mal-iskadenzi għall-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jippermetti l-estrazzjoni tal-istatistiki biex jiġi vverifikat il-progress ġenerali tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-portal jiffaċilita d-dmirijiet tal-punt uniku ta' kuntatt li jenħtieġ li jkollu aċċess għad-data u għall-informazzjoni rilevanti kollha. Fl-aħħar nett, l-aċċess għall-portal online ċentrali msemmi fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament [*xxxxx*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li se jirrazzjonalizza l-proċeduri tal-ġbir tad-data u tal-valutazzjoni ambjentali applikabbli għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli, tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, għall-proġetti tal-ħżin tal-enerġija u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar, iżid iċ-ċertezza kemm għall-iżviluppaturi kif ukoll għall-

awtoritajiet.

**Għar-Rekwiżit 2:** L-għodod diġitali diġà huma stabbiliti u ma hija meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri.

## *4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

Ir-**Rekwiżit 1** ma jirrikjedix interazzjoni bejn il-fruntieri tal-Istati Membri, fost l-entitajiet tal-UE jew bejn l-entitajiet tal-UE u l-korpi tas-settur pubbliku. Lanqas ma għandu effett fuq l-interoperabbiltà transfruntiera peress li d-data hija ta' rilevanza għall-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali, aktar milli fil-livell tal-UE. Madankollu, tista' tkun mistennija kooperazzjoni dwar proġetti transfruntiera, u għalhekk l-iSM huma mistiedna jikkunsidraw l-użu ta' format tad-data li jkun interoperabbli, faċilment aċċessibbli u kondiviżibbli. Madankollu, ġiet ikkunsidrata u twarrbet struttura tad-data definita ċentralment, peress li minħabba l-karattru fil-biċċa l-kbira nazzjonali tal-akbar perċentwal tal-proċeduri għall-ħruġ permessi f'kull SM u s-sistemi differenti għall-ħruġ tal-permessi, huwa loġiku li d-deċiżjoni attwali dwar il-format għall-implimentazzjoni titħalla f'idejn l-iSM, li jistgħu jiddeċiedu x'inhu l-aħjar għas-sistema tagħhom u l-pjattaforma diġitali l-ġdida li se jistabbilixxu.

- Is-servizzi pubbliċi affettwati minn dawn is-suġġerimenti jkunu l-awtoritajiet kollha f'kull SM involut fil-ħruġ tal-permessi għall-assi tal-enerġija, eż.:
- Il-ministeru u/jew l-aġenziji tal-enerġija
- L-amministrazzjoni muniċipali/lokali
- L-awtoritajiet ambjentali
- Il-korpi amministrattivi jew l-entitajiet responsabbli għal opinjoni jew għall-approvazzjoni dwar proġetti li jaffettwaw l-ippjanar spazjali u s-siti ta' wirt kulturali

Il-pjattaforma THEMIS użata **għar-Rekwiżit 2** diġà hija interoperabbli peress li teħtieġ interazzjoni bejn l-entitajiet tal-UE u l-korpi tas-settur pubbliku, permezz tan-network u s-sistemi ta' informazzjoni tagħhom

## 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Għar-**rekwiżit 1**, il-Kummissjoni qed tesplora soluzzjonijiet għall-ħruġ tal-permessi diġitali eżistenti u tal-IA differenti li jistgħu jitfasslu u jiġu ppersonalizzati għall-kuntesti nazzjonali u reġjonali bl-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-gruppi ta' esperti għall-ħruġ tal-permessi li ġejjin u f'fora oħra. Barra minn hekk, huwa previst appoġġ fil-forma ta' assistenza teknika u ta' bini tal-kapaċitajiet biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni diġitali, inkluż potenzjalment permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-użu ta' fondi reġjonali.

Għar-**rekwiżit 2**, ma hija meħtieġa l-ebda miżura bħal din.